# NCPE

**KUMMISSJONI NAZZJONALI GHALL-PROMOZZJONI TA' L-UGWALJANZA GHALL-IRĠIEL U N-NISA**

# RAPPORT ANNWALI 2004



# Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa

# RAPPORT ANNWALI
# 2004

## Werrej


| | Paġna |
|---|---|
| Messaġġ – *Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali* | 2 |
| Daħla – *Il-Kummissarju* | 4 |
| Sommarju Eżekuttiv – *Id-Direttur Eżekuttiv* | 7 |
| L-Iproċessar ta' l-Ilmenti | 9 |
| Talbiet għall-Informazzjoni | 12 |
| L-Ugwaljanza fil-Kuntest ta' l-Unjoni Ewropea | 13 |
| Parteċipazzjoni f'Fora Ewropej u Internazzjonali | 22 |
| Proġetti ta' l-UE u tan-NU | 34 |
| *Quality Service Charter* | 37 |
| Kontribuzzjoni tal-*Media* | 38 |
| Laqgħat lokali | 40 |
| Klawsola dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 46 |
| Il-Librerija | 47 |
| Il-Kodiċi ta' Prattika f'Każi ta' Fastidju Sesswali | 48 |
| Kuntatti mal-Pubbliku bit-Telefon | 49 |
| Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja | 50 |



**Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa**

**ISBN 99909-89-13-3**
**2005**

# Messaġġ

It-tema ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi f'Malta għandha storja relattivament qasira. Il-materji u l-ilmenti relatati mas-sessi kienu tpoġġew fuq quddiemnett ta' l-aġenda tal-Gvern fl-aħħar tat-tmeninijiet meta kienet twaqqfet il-Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara. Bis-saħħa t'hekk seħħew numru ta' ġrajjiet memorabbli, li kienu jinkludu l-emenda Kostituzzjonali li pprojbit id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, ir-ratifika tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u bdil leġislattiv li ġab kambjament radikali fl-istatus tan-nisa miżżewġin u li ta liż-żewġ sieħba fiż-żwieġ rwoli indaqs fejn jidħol it-teħid tad-deċiżjonijiet.

Wara l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ta' l-2002 li jaħseb għal pagi u kondizzjonijiet tax-xogħol indaqs, u għal aċċess ugwali għat-taħriġ, daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, li bis-saħħa tiegħu twaqqfet il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bħala makkinarju nazzjonali li għandu personalità legali separata minn dik tal-Gvern u li r-rappreżentanza ġudizzjali tiegħu hija mogħtija lill-Kummissarju.

Din il-Kummissjoni issa ilha sena mwaqqfa; f'ħafna aspetti qisha siġra żagħżugħa imma bid-dieher waħda b'saħħitha li, jekk tiġi mogħtija l-inkoraġġiment adattat, fis-snin li ġejjin għandna narawha timmatura.

Fix-xhur li għaddew il-membri tal-Kummissjoni stipulaw qafas ta' azzjoni li huwa intiż biex jgħinhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, kif stabbilit mil-liġi, b'viżjoni u strateġija li tħares 'il quddiem u li bihom jistgħu jidentifikaw, jistabbilixxu u jaġġornaw il-politiki relatati mal-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ugwaljanza. Il-leġislazzjoni hija biss parti waħda mill-istrateġija: hija l-implimentazzjoni li ġġib dik il-bidla tant meħtieġa fejn verament ikun jgħodd.

Fis-snin li għaddew rajna l-introduzzjoni ta' numru ta' miżuri u inizjattivi mmirati biex iġibu fis-seħħ l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Il-livell ta' l-effett li ħallew dawn il-miżuri u inizjattivi kien ivarja imma xorta għad hemm ħafna xi jsir. Ir-rwol tal-Kummissjoni m'huwiex biss dak ta' korp li jikkontrolla imma wieħed li jagħti l-pariri. Ir-rwol tagħha huwa li jgħin lill-Gvern jiżviluppa strateġiji prattiċi li jwasslu għal ugwaljanza fil-ħajja ċivili, ekonomika u politika.

Is-soċjetà tagħna li qed tevolvi, il-mod kif qegħdin jinbidlu l-valuri tradizzjonali, kif ukoll it-tibdil demografiku jridu jiġu kkunsidrati kollha kemm huma kull meta jsir xi bdil sostanzjali fil-politika.

Il-Kummissjoni wieżnet tajjeb is-sitwazzjoni ta' l-attiv u l-passiv tagħha u kkonċentrat fuq il-kwistjonijiet l-aktar importanti, li huma l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa Maltin fis-suq tax-xogħol u r-rata baxxa tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet u pożizzjonijiet rappreżentattivi. Il-Qafas ta' Prijoritajiet għal Azzjoni mqassam fuq Ħames Linji ta' Azzjoni għall-perjodu 2004-2006 jinkludi kampanji minn fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni, iż-żamma tal-kuntatti u l-komunikazzjoni ma' korpi oħrajn u ma' l-awtoritajiet, studji ta' vijabilità, l-i*streamlining* tal-leġislazzjoni, flimkien mal-monitoraġġ ta' ftehim kollettivi.

L-NCPE hija l-ewwel Kummissjoni li ppubblikat *Quality Service Charter* li għandu jiggarantixxi li s-servizz mogħti mill-Kummissjoni lil dawk kollha li jitolbuha l-għajnuna, l-appoġġ jew it-tagħrif, ikun ta' l-ogħla livell possibbli.

Il-Kummissjoni għandha quddiemha diversi sfidi. Matul is-sena li għaddiet il-membri tagħha urew li huma verament konxji mill-firxa wiesgħa ta' ħidma li huma mistennija jwettqu.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-Kummissarju, lill-membri tal-Kummissjoni, lid-Direttur Eżekuttiv u lill-membri kollha ta' l-i*staff* għall-kontribut ġeneruż tagħhom u m'għandix dubju li flimkien sejrin jiffaċċjaw l-isfidi u b'hekk jilħqu l-għanijiet tagħhom.

***Dolores Cristina***
***Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali***
***Jannar, 2005***

# Daħla

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (NCPE) ġiet imwaqqfa f'Jannar 2004 skond l-Artiklu 12 ta' l-Att Nru 1 ta' l-2003. Kif rajna matul il-perjodu qasir li fih ħadmet il-Kummissjoni fil-qasam assenjat lilha, il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza fost l-irġiel u n-nisa f'Malta hija kwistjoni kumplikata u dinamika li hija minsuġa b'mod kumpless fl-aspetti kollha ta' l-istorja soċjali, fis-soċjetà taż-żminijiet t'issa, u fir-rapporti soċjali. L-NCPE iddeċidiet li tikkonċentra l-istrateġija tagħha għall-perjodu 2004-2006 fuq dawk il-kwistjonijiet ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi li huma ta' xkiel u ta' żvantaġġ għall-irġiel jew in-nisa f'Malta, u li tidentifika x'azzjoni adatta għandha tittieħed sabiex dawk il-problemi jitneħħew jew jitnaqqsu kemm jista' jkun. L-isfida li għandha quddiemha l-NCPE li tiżviluppa strateġiji prattiċi sabiex jintlaħqu dawn il-miri u sabiex issir il-bidla vera ħalli tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, hija li tagħraf dawk ir-realtajiet tal-ħajja tan-nisa u l-irġiel fiż-żminijiet t'issa li ma jħalluhomx jew inkella jillimitawhom milli jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom minħabba s-sess tagħhom, u li tiddetermina x'inhu dak li hu possibbli u rilevanti li jsir fil-kuntest nazzjonali u flimkien ma' aġenziji nazzjonali oħrajn.

***Prijoritajiet għal Azzjoni (2004-2006)***

F'dan ir-rigward l-NCPE identifikat Qafas ta' Prijoritajiet għal Azzjoni mqassam fuq Ħames Linji ta' Azzjoni għall-perjodu 2004-2006:

1. ***Torganizza kampanja permezz tal-media biex toħloq aktar għarfien fost il-pubbliku dwar l-NCPE, ir-rwol u d-doveri tagħha flimkien ma' aktar informazzjoni dwar il-liġijiet fuq il-fastidju sesswali***

L-għarfien pubbliku u l-edukazzjoni huma l-pern fil-proċess tal-kisba ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. L-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u l-impjieg, u f'dak li bi ħsiebhom jagħmlu wara li jispiċċaw mill-istudji, għadhom ibbażati fuq veduti tradizzjonali u stereotipati dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Din il-kampanja tkun tinkludi s-sensibilizzar dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ta' dawk li jifformulaw il-politika *(policy-makers)*, dawk li jmexxu fil-komunità, il-leġislaturi, l-għaqdiet tal-ġenituri u l-għalliema, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-*media.*

**2. *Tiffissa proċeduri u linji gwida biex jiġu ttrattati l-ilmenti u twaqqaf korp aġġudikanti li jittratta dawn l-ilmenti***

Ġie mwaqqaf sotto-kumitat għall-ilmenti bl-għan li jieħu ħsieb u jissorvelja d-diversi lmenti. Is-sotto-kumitat ltaqa' b'mod regolari mal-konsulent legali sabiex tittieħed azzjoni fuq l-ilmenti ndirizzati lill-NCPE. L-NCPE issa hija marbuta bil-*Quality Service Charter* biex tindirizza dawn l-ilmenti fi żminijiet raġonevoli. Ġew żviluppati u implimentati linji gwida għall-ilmenti fil-qasam tad-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess.

**3. *Iżżomm kuntatt u tikkomunika ma' kummissjonijiet u awtoritajiet oħrajn***

L-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol m'għandhiex titqies biss bħala mġiba etika imma ukoll bħala fattur ta' benesseri, bħala valur ekonomiku, bħala utilità u immaġini pubblika. Pagi u dħul mhux ugwali huma fost il-kawżi prinċipali ta' l-inugwaljanza bejn is-sessi. Politiki u prattiki tajbin ta' bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja jħallu impatt favorevoli fuq il-ħaddiema kollha, nisa u rġiel, u jirriżultaw f'benefiċċji għal dik l-organizzazzjoni li tużhom b'mod effettiv. Għandhom ukoll jiġu kkunsidrati n-numru kbir ta' nisa li jaħdmu fis-settur tal-volontarjat u li jagħtu kontribut kbir għat-titjib tat-tessut soċjali tal-pajjiż. L-NCPE tikkonsulta ma' korpi oħrajn, bħall-Kummissarju għat-Tfal u l-Korporazzjoni ghax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC), bl-għan li jkunu żviluppati inizjattivi u proġetti li jindirizzaw il-preġudizzju bbażat fuq is-sess u s-segregazzjoni fl-edukazzjoni minħabba s-sess, karrieri u tagħlim tul il-ħajja (bħas-sess u x-xjenza) u ttejjeb l-effiċjenza ta' gruppi li ma jirnexxilhomx jiksbu l-livell mixtieq u tħajjar aktar nisa jipparteċipaw fi programmi ta' taħriġ mill-ġdid, speċjalment l-IT u tħajjar nisa jidħlu fl-intraprenditorija.

**4. *Torganizza studju ta' vijabilità dwar l-implikazzjonijiet ta' l-introduzzjoni ta' miri/kwoti fir-rigward tas-sessi f'Malta***

Korpi awtorizzati biex jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom jimplimentaw fil-prattika l-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni ugwali. Hemm ukoll il-ħtieġa li jkunu kkunsidrati metodi xierqa biex jiġu kkonsultati l-NGOs u korpi konsultattivi strateġiċi oħrajn fuq kwistjonijiet li jiġu kkawżati mill-inugwaljanza u mid-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. Jiġu żviluppati strateġiji u strumenti li jippromwovu lin-nisa fl-isfera tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha, inkluż f-attivitajiet ta' relazzjonijiet esterni u kooperazzjoni fl-iżvilupp.

### *5. Tissorvelja l-leġislazzjoni u l-ftehim kollettivi fejn jikkonċerna l-liġijiet dwar streamlining ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi*

L-NCPE tagħti servizz għall-ħtiġijiet ta' għajnuna fir-rigward ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi biex ikunu aċċessati l-impjiegi u s-servizzi, inkluż il-ħtiġijiet ta' min iħaddem. Hija tiżgura ukoll li tiġi stabbilita politika dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u politika dwar il-Fastidju Sesswali kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat, u tgħin billi toffri linji gwida sabiex jinħoloq sett ta' livelli ta' kwalità li jinkoraġġixxu l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol permezz ta' l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika. Hija tmexxi studji fuq l-implikazzjonijiet li jirrigwardaw is-sessi fis-sistema tat-taxxa, is-sigurtà soċjali u l-ekonomija sewda li qed twassal għal telf ta' benefiċċji soċjali.

### *Konklużjoni*

L-NCPE tista' tlaħħaq ma' dawn ir-responsabbiltajiet kollha fdati lilha jekk hija tiġi pprovduta bir-riżorsi meħtieġa, kemm dawk infrastrutturali kif ukoll dawk umani. Dan ikun jista' jgħin biex tkun żviluppata l-ħila ta' l-atturi li jippromwovu b'mod effettiv l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod partikulari permezz tas-sostenn fil-bdil ta' informazzjoni kif ukoll prattiċi tajbin u komunikazzjoni fuq livell nazzjonali. Għalkemm ġejjin minn ambjenti politiċi u professjonali differenti, il-membri tal-Kummissjoni u l-istaff Eżekuttiv ħadmu tajjeb ħafna flimkien u nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzjahom kollha b'mod individwali għall-impenn tagħhom u d-dedikazzjoni tagħhom fix-xogħol matul is-sena. L-ammont ta' xogħol li jrid isir huwa kbir ħafna u r-responsabbiltà fuq l-NCPE hija tremenda, imma b'kooperazzjoni min-naħiet kollha nistgħu nwettquh.

***Janet Mifsud***
***Kummissarju***
***Jannar, 2005***

# Sommarju Eżekuttiv

***Daħla***

It-twaqqif tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa [NCPE] f'Jannar 2004 ipprovda korp nazzjonali responsabbli mill-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att u li jieħu azzjoni f'dawk il-każijiet fejn jinstab li nkisret il-liġi. L-evoluzzjoni li seħħet, jiġifieri li mill-kwistjonijiet li jirrigwardaw in-nisa, li tagħhom kellha r-responsabbiltà l-Kummissjoni ta' qabel, jiġifieri l-Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara, għaddejna għall-ugwaljanza bejn is-sessi tindika l-bdil bħala l-punt fokali minn li tkun eliminata d-diskriminazzjoni kontra n-nisa għal trattament aktar dinamiku li jqis id-dritt ta' l-ugwaljanza bħala dritt fundamentali ta' kull ċittadin.

***Kompożizzjoni***

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa hija magħmula mill-Kummissarju, Dr Janet Mifsud u sitt membri. Dawn huma: is-Sinjura Grace Attard, Dr Miriam Camilleri, is-Sur Mario Mallia, Dr Myriam Spiteri Debono, Dott Rev Vanni Xuereb, u s-Sur Winston J. Zahra Jr. – li jirrappreżentaw diversi ambjenti professjonali u soċjali. Il-Kummissjoni hija appoġġjata minn korp eżekuttiv immexxi mid-Direttur Eżekuttiv is-Sinjura Sina Bugeja u ħames membri ta' l-istaff li huma is-Sur Silvan Agius [li ħa post is-Sinjorina Josephine Mifsud f'nofs is-sena 2004], is-Sinjorina Maria Falzon, is-Sinjura Gertrude Farrugia, is-Sinjorina Sylvana Galea u s-Sinjorina Antoniella Gatt. Dr Roberta Lepre tagħti pariri Legali kif ukoll dawk konnessi ma' l-UE filwaqt li RG Consultants huma l-Kontrolluri Finanzjarji tal-Kummissjoni. Waqt l-2004, il-Kummisjoni ltaqgħet tnax-il darba.

***Responsabbiltajiet***

Barra milli tagħmilha ta' korp ta' kontroll biex tara li ma ssir l-ebda diskriminazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel fid-diversi setturi, il-Kummissjoni taħdem ukoll biex tippromwovi soċjetà fejn in-nisa u l-irġiel ikollhom l-istess opportunitajiet li jgawdu minn bilanċ aħjar bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja. Per eżempju, filwaqt li ssir enfasi kbira fuq l-opportunitajiet għan-nisa li javvanzaw fil-karriera u partċipazzjoni attiva tagħhom fis-suq tax-xogħol, issa qegħda ssir enfasi ukoll fuq l-opportunitajiet għall-irġiel li jgawdu minn rwol aktar sħiħ u attiv fil-ħajja tal-familja, bħall-paternità.

Wara li għaddiet sena waħda biss mit-twaqqif tagħha, l-NCPE tħossha kburija bix-xogħol kollu li rnexxielha twettaq matul dan il-perjodu ta' tnax-il xahar. Toħroġ ċar minn dan ir-rapport l-evidenza ta' l-impenn ta' l-NCPE lejn ir-responsabbiltajiet mogħtija lilha. L-NCPE tixtieq ukoll tirringrazzja lill-Ministeri kollha, id-Dipartimenti tal-Gvern u l-ħafna entitajiet oħrajn,

kemm privati kif ukoll pubbliċi, li kkollaboraw mal-Kummissjoni u għenuha fix-xogħol tagħha bl-appoġġ tagħhom. Matul dan il-perjodu l-NCPE kabbret ir-responsabbiltajiet nazzjonali tagħha dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi sabiex tinvolvi diversi setturi oħrajn fosthom il-*media*.

Ir-Rapport Annwali jkopri l-oqsma prinċipali kollha li sar ix-xogħol fihom u filwaqt li ma ġewx inklużi kontribuzzjonijiet bħall-parteċipazzjoni fir-riċerka Ewropea u l-informazzjoni mogħtija lill-entitajiet Ewropej dwar il-qagħda f'Malta peress li parti mill-materjal għadu ma ġiex ippubblikat, ġew inklużi b'ċertu dettal il-parteċipazzjoni fid-diskussjonijiet dwar id-Direttivi ta' l-UE, Konferenzi Ewropej, laqgħat lokali, proġetti ta' l-UE, kontribuzzjoni tal-*media*, il-*Quality Service Charter*, u oħrajn. Saret enfasi fuq l-ilmenti li jidħlu u, fil-fatt, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza waqqfet ukoll Sotto-Kumitat għall-ilmenti sabiex tkun tista' tieħu ħsieb ta' l-ilmenti li tirċievi b'mod espedjenti. Qed tiġi mfissra d-*data* dwar ilmenti li jidħlu u għalkemm sa llum għadha ma daħlitx fis-seħħ kampanja ta' għarfien nazzjonali, saru sforzi f'dan ir-rigward f'diversi setturi tal-*media.* Dan, fih innifsu, irriżulta f'għarfien akbar dwar il-fastidju sesswali li wassal għal numru ta' lmenti li daħlu u li ttieħdet azzjoni dwarhom. Barra dan, il-fastidju sesswali qiegħed minn ta' fuq nett fuq l-aġenda għall-2005. L-ewwel trattament jikkonċentra fuq l-għajnuna mogħtija lil min iħaddem biex jifhmu u jaġixxu skond ir-responsabbiltajiet tagħhom fuq is-suġġett skond kif stipulat fl-Att innifsu.

L-NCPE hija ukoll kburija bil-kontribuzzjoni importanti ħafna tagħha fid-diskussjonijiet ta' l-UE dwar id-diversi Direttivi, kemm fuq livell nazzjonali u anki dak Ewropew, kif ukoll fil-proġetti ta' l-UE li jiġu ppreżentati u milqugħa għall-implimentazzjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq is-sitwazzjoni nazzjonali u l-ħtiġijiet kurrenti fit-twettiq tal-ħidma tagħha, fl-istadji tal-ħsieb u l-ippjanar hija għamlet referenza qawwija għal dokumenti bħall-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni [għall-Impjiegi], Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni [għall-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali] u l-Istrateġija ta' Lisbona u oħrajn.

F'isem il-Kummissarju u l-Membri tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, nixtieq nirringrazzja lill-istaff kollu li taw sehemhom bis-sħiħ biex tinġabar l-informazzjoni u biex jinkiteb dan ir-rapport u għall-isforzi ma jaqtgħu xejn tagħhom biex jiżguraw li l-ugwaljanza bejn is-sessi tkun verament fuq l-aġenda nazzjonali.

L-NCPE tixtieq ukoll tirrikonoxxi x-xogħol kollu li sar mill-Kummissjonijiet ta' qabel għax dan serva ta' bażi soda għall-ħidma mmexxija minnha.

***Sina Bugeja***
***Direttur Eżekuttiv***
***Jannar, 2005***

# L-Ipproċessar ta' l-Ilmenti

Matul is-sena 2004, il-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel irċeviet 52 ilment, medja ta' ilment wieħed kull ġimgħa.

Kull tliet xhur tinġabar informazzjoni rigward dawn l-ilmenti. Matul Lulju, Awissu u Settembru ġie rreġistrat l-akbar numru ta' lmenti li daħlu. (Fig. 1)




Fig. 1

***Reklamar Offensiv***

Tajjeb ninnotaw li l-ikbar numru ta' lmenti li rċevejna kienu dwar varji reklami li dehru fil-*media* differenti kollha: fil-gazzetti, fuq karozzi tal-linja, f'rivisti, *websites*, f'reklami tat-televiżjoni u *billboards*. Minħabba fl-ammont sostanzjali ta' klijenti li lmentaw, il-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva u bagħtet ittra lill-kapijiet ta' l-istazzjonijiet tat-TV u r-radji lokali, kif ukoll kapijiet ta' l-aġenziji tar-reklamar, fejn ġew infurmati dwar id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa dwar id-diskriminazzjoni. Barra minn dan, intbagħtet ukoll ittra, lil persuni li jaħdmu fil-qasam tar-reklamar dwar kliem li jintuża fil-lingwaġġ tagħna ta' kuljum li sfortunatament jippromwovi attitudni diskriminatorja. F'din l-ittra kien hemm ukoll lista ta' kliem alternattiv, bl-istess tifsira, izda li m'għandux element diskriminatorju. Permezz ta' din l-inizjattiva tal-Kummissjoni, ħafna mill-avviżi fil-gazzetti li kellhom element diskriminatorju, li spiss konna naraw, ma baqgħux jiġu ppubblikati. Il-Kummissjoni intervjeniet ukoll fil-qasam tar-reklamar fuq it-televizjoni, fejn xi reklami twaqqfu għal kollox minħabba li kienu offensivi u diskriminatorji. Kull meta l-NCPE saret taf b'xi reklam li għal xi nies, kien offensiv, l-ilmenti ġew verifikati u fejn irriżulta li kien hemm bażi ta' diskriminazzjoni,

l-Kummissjoni ħadet l-azzjoni meħtiega biex dawn ir-reklami jitwaqqfu. Il-Kummissjoni rċeviet bosta lmenti dwar 5 reklami li b'mod partikolari nstabu li huma offensivi u diskriminatorji. Sa llum, dawn ir-reklami twaqqfu kollha permezz ta' l-intervent ta' l-NCPE, li mxiet fuq id-disposizzjoni ta' Kap 456, Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, Art. 10, li jgħid:

*"Persuni ma jistgħux jippubblikaw jew jesponu jew igegħlu li jiġi ppubblikat jew espost xi reklam li jkun jippromwovi d-diskriminazzjoni jew li jkun xort'oħra jiddiskrimina."*

***Fastidju Sesswali***

Meta jasal lment għand il-Kummissjoni, dan jiġi investigat mis-Sotto-Kumitat dwar l-Ilmenti, li twaqqaf għal dan il-għan. Il-Membri ta' dan is-sotto-kumitat jiltaqgħu b'mod regolari. Is-Sottokumitat in fatti ltaqa' ħames darbiet. Il-Kummissjoni rċeviet numru sostanzjali ta' lmenti li jirrigwardaw inċidenti ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni tinvestiga dawn il-każi u ssegwi proċedura partikolari li ġiet stabbilita mill-NCPE biex dawn il-każi jiġu trattati bl-iktar mod ġust. Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-konfidenzjalità u s-sensittività ta' dawn il-każi biex jiġu protetti kemm jista' jkun, kemm il-vittmi kif ukoll min allegatament iwettaq ir-reat. Tajjeb wieħed jinnota li fit-tieni sitt xhur tas-sena l-ammont ta' lmenti dwar fastidju sesswali żdied b'mod konsiderevoli. Raġuni għal din iż-żieda tista' tkun li n-nies qed ikunu aktar infurmati dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' fastidju sesswali, kif ukoll l-għarfien li qed ikollha l-Kummissjoni bħala l-aġenzija li tgħin lill-persuni f'dan it-tip ta' sitwazzjonijiet.

***Kundizzjonijiet tax-Xogħol***

Barra minn dan, il-Kummissjoni ħadet diversi inizjattivi u ħadet sehem attiv f'diskussjonijiet u laqgħat li permezz tagħhom jidħlu fis-seħħ miżuri aħjar għall-ħaddiema f'kull settur fosthom fis-settur pubbliku. Minbarra li l-Kummissjoni interveniet f'każi individwali fejn ġiet mitluba mill-ħaddiema nnifishom biex tgħinhom fuq il-kondizzjonijiet ta' xogħol personali tagħhom, il-Kummissjoni tat il-kontribut tagħha f'diskussjonijiet fuq skala akbar li rriżultaw f'tibdil għall-ħaddiema kollha tal-Gvern. Fost dan it-tibdil insibu, flessibiltà akbar għall-ħaddiema li jagħżlu li jieħdu l-'*parental leave'*, kif ukoll il-provvediment għall-*leave* tal-maternità lin-nisa li jagħżlu li japplikaw bħala *Technical Attaches*. Barra minn dan, il-Kummissjoni għadha taħdem fuq *issues* oħra li għandhom jgħinu biex joħolqu ambjent aktar favur il-familja għall-ħaddiema f'dan is-settur. L-iktar lmenti rikorrenti li jirrigwardaw miżuri favur il-familja, kienu s-sistema ta' sigħat imnaqqsa (*reduced hours)*, sabiex din tiġi estiża sa meta t-tifel/tifla jkollu/ha tnax-il sena. Dan għaliex ħafna mill-impjegati tas-Servizz Pubbliku li jutilizzaw din is-sistema jsibuha diffiċli biex jerġgħu jidħlu jaħdmu *full-time*, minħabba li jħossu li meta uliedhom jgħalqu d-disà snin il-problemi ma jinbidlux.




Fig. 2

***Oħrajn***

Permezz ta' l-intervent tal-Kummissjoni, kien hemm riżultati tajbin ukoll f'każi differenti fejn nisa tkeċċew mill-impjieg tagħhom minħabba li kienu qed jistennew tarbija. Dawn tkeċċew fuq bażi ta' responsabbiltà familjari, għalhekk imorru kontra Kap. 456 - Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, Art. 3B li jgħid li tkun ksur ta' l-istess liġi meta *"mara tiġi trattata b'mod anqas favorevoli minħabba fi tqala li tkun teżisti, jew li tista' sseħħ, jew it-twelid ta' tarbija."*

Bħala riżultat tal-ilmenti rċievuti, l-NCPE qed taħdem ukoll biex tagħti pariri lill-awtoritajiet kompetenti għall-emedar tal-legislazzjoni eżistenti, li għandha tidiskrimina bejn l-irgiel u n-nisa, bħal per eżempju l-Ordinanza tal-Adolorata. L-NCPE qed tpoggi l-quddiem suġġerimenti ħalli tassigura ugwaljanza bejn is-sessi għall-irrangar fl-Att tas-Sigurta' Soċjali, li qiegħed jiġi abbozzat mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali. L-NCPE interveniet ukoll f'każijiet inkonnessjoni ma separazjonijiet, Komunita' tal-Akkwisti u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol fost suġġetti oħra.

***Approċċ Proattiv***

L-NCPE bdiet diskussjonijiet ma' diversi istituzzjonijiet lokali, sabiex tippromovi prattici bbażati fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza u għall-eliminazzjoni ta' proċeduri diskriminatorji eżistenti. Dawn l-istituzzjonijiet jinkludu banek lokali u agenziji tal-assigurazzjoni. L-NCPE qed tissuġġerixxi metodi għall-irranġar ta' politika eżistenti tal-banek u tal-assigurazzjoni ħalli jitneħħew elementi diskriminatorji f'kull qasam rispettiv fejn ikun applikabli.

## Talbiet għall-Informazzjoni

Minbarra l-ilmenti msemmija, matul is-sena li għaddiet, l-NCPE rċeviet 93 talba għal informazzjoni li kienu jirrigwardaw diversi suġġetti li jinkludu:

- Miżuri favur il-familja (*leave* tal-maternità, *parental leave*, sigħat imnaqqsa, flessibilità)
- Disposizzjonijiet fil-liġi Maltija dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi
- Twaqqif ta' ċentri ta' kura u żamma tat-tfal
- Mistoqsijiet varji dwar l-ugwaljanza
- Drittijiet ta' nisa barranin f'Malta
- Drittijiet tal-ommijiet '*single*'
- Dispożizzjonijiet dwar sigurtà soċjali
- Xogħol
- Saħħa
- Statistika
- Proċedura ta' l-NCPE dwar l-ilmenti
- Fastidju sesswali
- Vjolenza domestika
- Separazzjoni
- Edukazzjoni
- Pagi indaqs għal xogħol indaqs
- Il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika
- Nisa f'livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet
- Direttorju tan-Nisa Maltin
- Pubblikazzjonijiet u *leaflets* varji

Il-klijenti li jitolbu informazzjoni lill-Kummissjoni ġejjin minn kull fergħa tas-soċjetà Maltija u barranija: *lecturers* ta' l-Università, uffiċjali għolja tal-Gvern, ħaddiema tas-Servizz Pubbliku, *focal points*, studenti ta' l-Università, studenti ta' l-iskejjel sekondarji, organizzazzjonijiet barranin u l-pubbliku in ġenerali.

## L-Ugwaljanza fil-Kuntest ta' l-Unjoni Ewropea

Matul it-tnax-il xahar li qed jiġu riveduti, l-NCPE tat il-kontribut tagħha dwar numru ta' proposti leġislattivi u proposti oħrajn ta' l-organi Ewropej. B'mod partikulari, l-NCPE abbozzat u irrivediet numru sostanzjali ta' Memoranda u Noti ta' Istruzzjoni dwar il-pożizzjoni ta' Malta sabiex dawn jintużaw fil-laqgħat ta' kumitati varji. Is-suġġett ta' dawn id-dokumenti kien jirrigwarda dawn li ġejjin:

- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-Prinċipju ta' Trattament Indaqs bejn Nisa u Rġiel fl-Aċċess għal- u l-Provvista ta' Merkanzija u Servizzi
- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Prinċipju ta' Opportunitajiet u Trattament Indaqs għall-Irġiel u n-Nisa fil-Materji ta' l-Impjieg u x-Xogħol
- Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm rigward qafas ta' strateġiji tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u Deċiżjoni Nru. 848/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm ta' Azzjoni Komunitarja sabiex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq Livell Ewropew fil-Qasam ta' l-Ugwaljanza bejn Irġiel u Nisa
- Reviżjoni ta' l-Implimentazzjoni mill-Istati Membri u mill-Istituzzjonijet Ewropej tal-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing

***Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-prinċipju ta' trattament indaqs bejn nisa u rġiel fl-aċċess għal- u l-provvista ta' merkanzija u servizzi***

Fil-5 ta' Novembru 2003 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn nisa u rġiel fl-aċċess għal- u l-provvista ta' merkanzija u servizzi. Din il-proposta hija ntiża sabiex tikkumplimenta leġislazzjoni eżistenti għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni sesswali fil-qasam ta' l-impjieg, u sabiex, għall-ewwel darba, testendi l-prinċipju ta' trattament indaqs bejn nisa u rġiel 'l hinn mill-qasam ta' l-impjiegi.

Rigward dan is-suġġett, l-NCPE abbozzat numru ta' Noti ta' Istruzzjoni għal numru ta' laqgħat.

Il-partijiet fejn kellu jsir l-aktar xogħol intensiv jirrigwardaw l-iskop tad-Direttiva proposta u l-kwistjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-istess proposta fir-rigward tal-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu merkanzija u servizzi, l-eċċezzjonijet għall-prinċipju ta' trattament indaqs, il-projbizzjoni ta' l-użu tas-sess bħala fattur attwarju, u d-difiża tad-drittijiet.

***Fatturi Attwarji***

Il-parti li qanqlet l-aktar tħassib tirrigwarda l-impatt ta' din id-Direttiva proposta, fuq il-konsumatur u fuq l-industrija ta' l-assigurazzjoni, u dan fir-rigward ta' tipi varji ta' prodotti ta' assigurazzjoni. It-tħassib kien jirrigwarda b'mod partikulari, l-impatt fuq il-kompetittività u t-trasparenza ta' l-industrija u l-impatt konsekwenzjali fuq il-konsumatur, inkluż il-prezz. Il-*Malta Insurance Association* fil-fatt ukoll esprimiet it-tħassib tagħha għal din il-proposta.

Eventwalment intlaħaq kompromess fuq l-imsemmi Artikolu 4, li jgħid dan li ġej :

*Article 4*
***Actuarial factors***

1. *Member States shall ensure that in all new contracts concluded after … at the latest, the use of sex as a factor in the calculation of premiums and benefits for the purposes of insurance and related financial services shall not result in differences in individuals' premiums and benefits.*

*2.* *Notwithstanding paragraph 1, Member States may decide … to permit differences in individuals' premiums and benefits where the use of sex is a determining factor in the assessment of risk based on relevant and accurate actuarial data. The Member States concerned shall inform the Commission and ensure that accurate data relevant to the use of sex as a determining actuarial factor are compiled, published and regularly updated. These Member States shall review their decision … taking into account the report of the Commission mentioned in paragraph 3, below, and shall forward the results of this review to the Commission.*

   *In all cases, costs related to pregnancy and maternity shall not result in differences in individuals' premiums and benefits.*

L-NCPE appoġġjat l-inizjattiva għall-esklużjoni tat-tqala u l-maternità mill-kalkolu ta’ fatturi ta’ riskju fir-rigward tal-prezz ta’ poloz ta’ assigurazzjoni, u laqgħet il-proposta għat-twaqqif ta’ Kumitat *Ad Hoc* li ser ikollu l-funzjoni li (i) jeżamina l-provvedimenti neċessarji għall-implimentazzjoni tal-prinċipju li għalih hemm referenza fl-Artikolu 4 (Par 1); (ii) jeżamina l-preċizjoni, il-kwalità u l-aċċessibilità għall-informazzjoni u l-istatistika sabiex jiġu identifikati l-każijiet fejn is-sess hu l-fattur determinanti għall-kalkolu tar-riskju (Par 2); (iii) jaqsam l-aħjar prattika fir-rigward ta’ l-implimentazzjoni ta’ l-Artikolu 4 (Par 1 u 2).

Fir-rigward tat-twaqqif tal-Kumitat *Ad Hoc*, Malta kienet issuġġeriet illi kellu jingħad b’mod ċar illi persuni esperti fil-qasam ta’ l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni kellhom ukoll ikunu rappreżentati fuq dan il-Kumitat. Dan is-suġġeriment fil-fatt ġie nkorporat fit-test finali tad-Direttiva proposta.

Fir-rigward tat-tħassib muri mis-settur ta’ l-assigurazzjoni, l-NCPE kienet esprimiet il-punt illi ma kinitx kontra l-possibbiltà li jiġu applikati kriterji differenti fir-rigward ta’ rġiel u nisa. Din il-possibbiltà, madankollu, għandha tiġi aċċettata biss f’dawk iċ-ċirkustanzi fejn dawn id-differenzi jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi li jirriżultaw mill-istatistika, u dan skond il-kompromess finali milħuq fir-rigward ta’ dan il-provvediment. Għaldaqstant, meta jkunu qed jiġu kkunsidrati dawn id-differenzi, it-tqala u l-maternità m’għandhomx jitqisu bħala fatturi ta’ riskju.

Madankollu, f’dan ir-rigward jiġi aċċettat il-fatt illi hemm bżonn ta’ bidla ġenerali u kulturali fil-ħsieb, b’mod partikulari fir-rigward tal-mod ta’ kif is-settur ta’ l-assigurazzjoni u entitatijiet oħra li joffru servizzi lill-konsumatur jittrattaw is-suġġetti tat-tqala u l-maternità. Meta jkunu qed jiġu analizzati dettalji personali tal-konsumatur, għandhom ikunu meqjusa biss bħala fatturi ta’ riskju dawk iċ-ċirkustanzi fejn it-tqala msemmija jew kwistjonijiet oħra simili jkunu ta’ riskju għoli. B’dan il-mod, għandhom jorħsu l-poloz ta’ l-assigurazzjoni għan-nisa ta’ età ‘fertili’.

Fir-rigward ta’ dan l-aħħar punt, wieħed għandu jenfasizza l-importanza ta’ oġġettività reali u effettiva waqt l-eżami tar-riskju. Għaldaqstant, bħala eżempju, l-età ta’ mara m’għandhiex twassal sabiex din titqies ta’ riskju ogħla għall-iskop ta’ polza ta’ assigurazzjoni tas-saħħa, jekk din il-mara jkollha età li fiha hemm possibbiltà li din l-istess mara issir tqila. Dan għaliex, fil-fatt, il-kumpaniji ta’ l-assigurazzjoni jużaw informazzjoni pubblika kif ukoll l-esperjenza tagħhom sabiex jistabbilixxu l-prezz ta’ polza ta’ l-assigurazzjoni. Dan jagħti lok għall-possibbiltà li tiġi applikata diskrezzjoni suġġettiva meta jkun qed jiġi eżaminat il-fattur ta’ riskju, din il-possibbiltà tista’ toħloq forma ta’ abbuż.

Fir-rigward ta’ tipi oħra ta’ assigurazzjoni, bħall-assigurazzjoni tal-vetturi, l-applikazzjoni ta’ statistika oġġettiva tista’ tiġi aċċettata għall-iskop tal-kalkolu tar-riskju, u għalhekk m’għandux ikun hemm tibdil fil-prezz ta’ dawn il-poloz.

Wieħed ta’ min jirrimarka illi din id-Direttiva proposta tfittex li tikseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u mhux vantaġġi għan-nisa fejn dawn ma jkunux meħtiega, u għaldaqstant, filwaqt li ċerti poloz ta’ l-assigurazzjoni jistgħu fil-fatt eventwalment jogħlew, dan m’għandux jitqies bħala fattur għaliex din il-proposta m’għandhiex tiġi adottata.

***L-iskop tad-Direttiva***

- Din id-Direttiva proposta teskludi l-*media* u r-reklamar, kif ukoll l-edukazzjoni, mill-iskop ta’ l-applikazzjoni tagħha.
- Din id-Direttiva m’hijiex applikabbli fir-rigward ta’ materji ta’ mpjieg u xogħol; u m’hijiex applikabbli għall-materji ta’ *self-employment*, sakemm dawn ikun koperti minn atti leġislattivi Komunitarji oħra.

- Il-prinċipju ta’ trattament indaqs m’għandux jipprojbixxi differenzi fir-rigward ta’ merkanzija u servizzi li fir-rigward tagħhom nisa u rġiel m’humiex f’sitwazzjoni komparabbli peress illi l-merkanzija u/jew is-servizzi huma ntiżi esklussivament u primarjament għall-membri ta’ sess wieħed biss. L-NCPE appoġġjat din l-esklużjoni.

- Din il-proposta tgħid ukoll illi *‘Member States, with a view to promoting the principle of equal treatment, should encourage dialogue with relevant stakeholders, which have, in accordance with national law and practice, a legitimate interest in contributing to the fight against discrimination on grounds of sex in the area of access to and supply of goods and services.’* Dawn jistgħu jinkludu, per eżempju, organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-imsieħba soċjali, u organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw oqsma soċjali u ekonomiċi, bħall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, u organizzazzjonijiet oħra bbażati fil-komunita’.

***Infurzar***

F’kull Stat Membru jeżistu organizzazzjonijiet kompetenti sabiex janalizzaw materji u lmenti relatati mas-sessi, u sabiex jassistu lill-vittmi ta’ diskriminazzjoni fuq bażi tas-sess. Madankollu, f’dan ir-rigward wieħed

jirrimarka illi dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet finanzjarji meta jiġu biex jinfurzaw id-dritt tal-persuna li tkun ressqet l-ilment, jew anki fuq inizjattiva ta' l-istess organizzazzjoni nnifisha. Għaldaqstant Malta kienet issuġġeriet illi jista' jitwaqqaf fond Ewropew sabiex jiffinanzja kawżi ġudizzjarji ta' dan it-tip.

***Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Prinċipju ta' Opportunitajiet u Trattament Indaqs ta' Irġiel u Nisa fil-Materji ta' l-Impjieg u x-Xogħol***

L-NCPE abbozzat numru ta' Memoranda u Noti ta' Istruzzjoni fir-rigward ta' dan is-suġġett. Din il-proposta ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fil-21 ta' April 2004. Din il-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 141 (3) tat-Trattat, tinkorpora Direttivi eżistenti li jirrigwardaw opportunitajiet indaqs u trattament indaqs f'Direttiva waħda. L-iskop ewlieni ta' dan l-eżerċizzju ta' *recasting* huwa li tinħoloq leġislazzjoni Komunitarja aktar aċċessibbli u li tinqara aktar faċilment, li titnaqqas l-inċertezza billi tiġi nkorporata l-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, u sabiex tiżdied it-trasparenza fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' provvedimenti orizzontali fid-Direttiva 2002/73/KE.

Id-Direttivi konċernati huma:

- 75/117/KEE (pagi ndaqs);
- 86/378/KEE, kif emendati bid-Direttiva 96/97/KE (trattament ugwali fl-iskemi tas-sigurtà soċjali tax-xogħol);
- 76/207/KEE kif emendata bid-Direttiva 2002/73/KE (trattament ugwali għal irġiel u nisa);
- 97/80/KE kif emendata bid-Direttiva 98/52/KE (l-oneru tal-prova).

Minħabba l-fatt illi dan huwa eżerċizzju ta' *recasting*, l-obbligazzjoni għat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva hija limitata għal dawk il-provvedimenti li jirrappreżentaw tibdil sostantiv mid-Direttivi ta' qabilhom.

L-NCPE appoġġjat din l-inizjattiva. Id-delegazzjonijiet kollha ukoll laqgħu din il-proposta, u dan minkejja l-fatt illi kellhom jiġu diskussi numru ta' kwistjonijiet tekniċi u kwistjoni oħra importanti. F'dan ir-rigward, sar progress sodisfaċenti fil-livell tal-Grupp tax-Xogħol għall-Materji Soċjali (SQWP).

***Referenza għal sors wieħed***

L-aktar punt li ħoloq dibattitu kien dak li jirrigwarda l-integrazzjoni fid-Direttiva tal-każistika tal-Qorti għall-Ġustizzja Ewropea li tikkonċerna pagi ndaqs fejn dawn huma attribwiti għal sors wieħed, kif propost mill-Kummissjoni fl-Artikolu 4 u l-Premessa 9. Numru ta' delegazzjonijiet kienu ta' l-opinjoni illi żewġ sentenzi tal-Qorti (Lawrence u Allonby) fuq dan is-suġġett kienu bażi insuffiċjenti għall-introduzzjoni ta' dan l-element fid-Direttiva l-ġdida u anki kienu xettiċi dwar l-introduzzjoni ta' dan il-kunċett minħabba li dan għadu mhux definit b'mod ċar. Numru ta' delegazzjonijiet, min-naħa l-oħra, appoġġjaw ix-xewqa tal-Kummissjoni, iżda talbu kliem aktar ċar.

Il-Presidenza mbagħad esplorat il-possibbiltà li titneħħa r-referenza għal sors wieħed fl-Artikolu 4, iżda tinżamm il-proposta tal-Kummissjoni fil-Premessa 9, flimkien ma' paragrafu ġdid.

Il-Kummissjoni nsistiet bis-sħiħ għall-integrazzjoni tal-każistika reċenti fir-rigward ta' l-eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess fir-rigward ta' l-aspetti u l-kondizzjonijiet kollha ta' rimunerazzjoni attribwibbli għal sors wieħed. Madankollu, uriet illi setgħet tkun flessibbli bil-kliem ta' l-Artikolu 4. Il-Kummissjoni żiedet billi tammetti li l-fatt li m'huwiex possibbli li tagħraf it-tifsir eżatt li l-Qorti setgħet tagħti għall-kunċett ta' sors wieħed fil-fatt joħloq problema, iżda qalet ukoll illi dan spiss ikun il-każ fil-bidu meta' każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) tiġi nkorporata f'leġislazzjoni Komunitarja.

Ġie ddikjarat ukoll illi l-fatt li l-kunċett ta' sors wieħed għadu m'huwiex definit b'mod ċar jistgħu jinqalgħu problemi fl-implimentazzjoni ta' dan il-provediment.

Il-Kunsill għaldaqstant qies li, b'kull rispett għall-każistika, l-inkorporazzjoni ta' dan il-kunċett f'dan l-istadju tkun inopportuna.

Il-Presidenza għaldaqstant issuġġeriet kompromess għall-Artikolu 4, billi jitneħħa l-kunċett ta' sors wieħed fl-Artikolu 4, iżda tinżamm ir-referenza għal dan il-kunċett fil-Premessa 9. F'dan il-kuntest, l-NCPE appoġġjat is-suġġeriment tal-Presidenza.

***Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm rigward qafas ta' strateġiji tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u Deċiżjoni Nru. 848/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-***

***Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn Irġiel u Nisa***

Il-Programm ta' Azzjoni Komunitarja rigward qafas ta' strateġiji Komunitarji dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2001–2005), il-ħames programm ta' azzjoni f'dan il-qasam, ġie adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2000 sabiex ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2005, b'fond ta' EUR 50 miljun. Dan il-Programm jappoġġja l-qafas ta' strateġiji Komunitarji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (2001-2005), metodu ġdid li jinkorpora l-politika Komunitarja kollha bi sforz sabiex tiġi promossa l-kisba ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, bl-iżvilupp ta' l-attivitajiet orizzontali neċessarji u l-koordinazzjoni mtejba ta' l-attivitajiet relatati ma' l-ugwaljanza tas-sessi f'diversi oqsma politiċi.

Dan il-Programm jikkontribwixxi għat-tixrid tad-dimensjoni tas-sessi fil-politika kollha u sabiex il-potenzjal tagħha jintuża għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza tas-sessi u ukoll sabiex titqajjem kuxjenza dwar is-suġġetti involuti. Il-Programm isaħħaħ ulterjorment il-kooperazzjoni u t-tisħib bejn il-partjiet involuti fil-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, speċjalment l-awtoritajiet nazzjonali, l-organi għall-ugwaljanza, l-imsieħba soċjali u l-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi. Saret evalwazzjoni fl-istadju medju, bl-assistenza ta' esperti indipendenti, sabiex il-Kummissjoni tiġi pprovduta b'informazzjoni dwar kif tista' ssaħħaħ u ttejjeb is-sistema għall-appoġġ Komunitarju għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa.

Ġie stabbilit reċentement mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fid-29 ta' April 2004 Programm ta' Azzjoni Komunitarja ieħor bl-objettiv tal-promozzjoni ta' organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa u jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2004 u l-31 ta' Diċembru 2005, b'fond ta' EUR 2.2 miljun. Din id-Deċiżjoni tpoġġi l-prattika stabbilita għall-appoġġ ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu sabiex jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fuq livell ta' strument legali bażiku.

Iż-żewġ Programmi jiġu fit-tmiem simultanjament fi żmien ta' tibdil kbir għall-bini u l-funzjoni ta' Unjoni Ewropea mkabbra, liema fattur iqanqal tħassib fil-fond dwar l-implimentazzjoni futura ta' l-Aġenda għall-Politika Soċjali, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-istrutturi għall-Programmi ta' Azzjoni Komunitarja fl-oqsma soċjali u ta' l-impjieg.

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm ta' Qafas dwar il-finanzjament ta' azzjonijiet fl-oqsma soċjali u ta' l-impjieg ser ikopru l-istess perjodu kif ukoll il-perspettivi finanzjarji ġodda, jiġifieri 2007–2013. Il-Kummissjoni analizzat fil-fond il-futur ta' l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda għall-Politika Soċjali bl-inklużjoni ta' l-oġġettivi u l-operat tal-Programmi għall-Azzjoni Komunitarja. Il-proposta l-ġdida għall-perjodu 2007–2013 timmira sabiex tissimplifika l-istruttura finanzjarja billi tgħaqqad il-Programmi Komunitarji eżistenti fi Programm ta' Qafas wieħed vast li ser jipprovdi għall-istess tip ta' azzjonijiet iffinanzjati b'mod konġunt, l-aktar analiżi u studji, appoġġ għall-mekkaniżmi ta' skambji Ewropej, tqajjim ta' kuxjenza u appoġġ għall-organizzazzjonijiet ċivili. Il-parti tal-propost Programm ta' Qafas għall-perjodu 2007-2013 li jirrigwarda s-sessi ser tkompli tibni fuq l-esperjenza miksuba u tkompli tagħti l-appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Ser tkopri ukoll l-appoġġ għall-mekkaniżmi Ewropej attivi fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa.

Għall-perjodu transizzjonali sa l-adozzjoni tal-Programm ta' Qafas ġdid fuq il-parametri spjegati hawn fuq, hu essenzjali li tiġi żgurata l-kontinwità ta' l-assistenza Komunitarja għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, sabiex jiġi evitat tfixkil tal-mekkaniżmi li huma attwalment fis-seħħ, u dan sabiex jiġu appoġġjati l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 13 tat-Trattat. Il-prinċipji u l-oġġettivi, kif ukoll l-oqsma għall-intervent ta' l-istrateġija ta' qafas Komunitarja dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, li jaqblu ma' dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni 2001/51/KE u l-Anness tagħha, jibqgħu validi b'mod sħiħ għal din is-sena ta' transizzjoni.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li ż-żewġ Programmi fl-oqsma ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi jiġu estiżi kif inhuma għal matul is-sena 2006.

L-NCPE appoġġjat din il-proposta għall-fatt illi sakemm jiġi adottat Programm ta' Qafas ġdid, huwa essenzjali li tiġi żgurata l-kontinwità ta' l-assistenza Komunitarja għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u sabiex jiġi evitat tfixkil fil-mekkaniżmi attwalment eżistenti li jappoġġjaw l-oġġettivi protetti mill-Artikolu 13 tat-Trattat.

L-NCPE, li esprimiet l-appoġġ tagħha għal din il-proposta mill-bidu, hija sodisfatta bis-sħiħ bir-riżultat tat-taħdidiet fil-SQWP, u dan għaliex din il-pożizzjoni issa ġiet milqugħa mill-Istati Membri kollha. Din il-Proposta għad trid tinġieb għall-attenzjoni tal-Parlament.

***Rivista ta' l-Implimentazzjoni mill-Istati Membri u mill-Istituzzjonijet Ewropej tal-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing***

L-NCPE abbozzat u rrivediet ukoll Noti ta' Istruzzjoni fir-rigward tar-Rivista ta' l-Implimentazzjoni mill-Istati Membri u mill-Istituzzjonijet Ewropej tal-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing.

Il-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing, li ġiet adottata b'kunsens fir-Raba' Konferenza Dinjija tan-NU f'Beijing 1995, issejjaħ lill-Gvernijiet, il-komunità internazzjonali u s-soċjetà ċivili sabiex iniedu miżuri strateġiċi fir-rigward ta' 12-il qasam kritiku: Nisa u faqar, Nisa u konflitti armati, Nisa u l-Ekonomija, Nisa fil-poter u t-tfassil ta' deċiżjonijet, Mekkaniżmi Istituzzjonali għall-avvanz tal-mara, Drittijiet Umani tan-Nisa, Nisa u l-*Media*, Nisa u l-Ambjent, u il-*Girl-child*.

***Indikaturi rigward il-Fastidju Sesswali fuq il-Post tax-Xogħol***

L-NCPE esprimiet l-opinjoni li l-indikaturi proposti mill-Presidenza Daniża fuq il-qafas ta' l-istudju *"Indicators on Sexual Harassment in the Workplace*" li sar taħt il-Presidenza Irlandiża jista' jikkostitwixxi pass importanti 'l quddiem sabiex tinġabar informazzjoni fattwali dwar it-tipi ta' problemi relatati mal-fastidju sesswali u l-medda tagħhom, sabiex inkunu f'pożizzjoni aħjar għall-formulazzjoni ta' strateġiji għall-ġlieda kontra dan il-fenomenu. Din il-kwistjoni komplessa tiġbed aktar interess fid-dawl tal-varjetà ta' l-influwenzi soċjali u kulturali li jistgħu jaffettwaw jew jibdlu l-perċezzjoni ta' din il-problema f'popolazzjonijiet jew soċjetajiet differenti.

***Parteċipazzjoni Attiva***

Fl-Abbozz tal-konklużjonijet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni ta' l-implimentazzjoni mill-Istati Membri u mill-Istituzzjonijiet Ewropej tal-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea stieden lill-Gvernijiet sabiex jadottaw miżuri u strateġiji attivi ulterjuri sabiex jilqgħu u jikkumbattu l-vjolenza kontra n-nisa, b'mod partikulari il-fastidju sesswali relatat max-xogħol, u inkoraġġixxa lill-Istati Membri sabiex ikomplu jtejbu l-ġbir, il-kumpilazzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni attwali, bil-firda tas-sess u l-età, u sabiex ikomplu jiżviluppaw indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi u sabiex dawn jiġu riveduti progressivament, permezz ta' l-involviment ta' l-Istituti Nazzjonali ta' l-Istatistika, sabiex l-istatistika u l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva fuq it-tliet indikaturi proposti mill-Presidenza Daniża, kif ukoll fuq indikaturi oħra dwar is-suġġetti tal-Pjattaforma ta' Beijing, ikunu jistgħu jiġu prodotti u eżaminati regolarment.

Il-Kunsill ħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri sabiex jiksbu tagħrif dwar fatturi oħra, bħall-età, is-sess, is-settur u l-professjoni, li jinfluwenzaw il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, u lill-imsieħba soċjali sabiex ikomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jipprojbixxu u jikkumbattu l-fenomenu tal-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

Għal dan il-għan, ser tinħoloq il-ħtieġa ta' riżorsi finanzjarji u umani. Jidher li din ir-riċerka għandha ssir fuq bażi regolari, darba fis-sena jew darbtejn fis-sena. Għalkemm m'għandux ikun diffiċli illi tinkiseb informazzjoni dwar il-*benchmarking indicator* propost, l-informazzjoni dwar *policy and practice indicators* u l-fatturi l-oħra li jaffettwawhom ser jeħtieġu aktar sforz u riżorsi finanzjarji.

## Partecipazzjoni f'Fora Ewropej u Internazzjonali

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ħadet sehem f'numru ta' fora Ewropej kif ukoll fil-kumitat tal-Konvenzjoni għall-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW) tan-Nazzjonijiet Uniti li ltaqa' ġewwa New York f'Lulju ta' l-2004.

***Konferenza ta' l-UE "Nisa u Rġiel f'Ewropa Mkabbra":***
1 – 3 ta' April, San Ġiljan Malta

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ħadet ħsieb tikkoordina l-arranġamenti għall-konferenza ta' tliet ijiem imsemmija hawn fuq li kienet organizzata mit-Taqsima għall-Ugwaljanza għan-Nisa u l-Irġiel fi ħdan id-Direttorat Ġenerali dwar l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea, li saret fil-Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan, Malta.

L-għan tal-konferenza kien li tiġbed l-attenzjoni fuq kwistjonijiet u sfidi relatati mat-trattament indaqs tan-nisa u l-irġiel f'Ewropa mkabbra u tiġi diskussa x'azzjoni għandha tittieħed permezz ta' strumenti disponibbli fuq livell Ewropew bħal-leġislazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-*mainstreaming* ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki ta' impjiegi u inklużjoni soċjali u l-intervent tal-Fondi Strutturali. Inġibdet l-attenzjoni fuq il-ħtieġa li jkun utilizzat bis-sħiħ il-potenzjal produttiv tal-forza tax-xogħol bl-għan li jinkisbu l-miri ta' l-istrateġija ta' Lisbona li sas-sena 2010 issir, "l-aktar ekonomija kompetittiva u dinamika bbażata fuq it-tagħrif fid-dinja, li tkun kapaċi tikber ekonomikament b'mod sostenibbli b'aktar impjiegi li jkunu aħjar u b'għaqda soċjali akbar", li tagħhom huma kruċjali l-

promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-isforzi biex ikunu eliminati l-lakuni bbażati fuq is-sess f'kull kamp. F'dan ir-rigward inġibdet ukoll l-attenzjoni tar-rwoli li l-atturi differenti għandu jkollhom fil-promozzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza.

***Orizzonti Ġodda għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi:*** Il-Presidenza Irlandiża Mejju, Limerick, L-Irlanda

Il-Kummissarju tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza, Dr J Mifsud kienet waħda mill-membri tad-Delegazzjoni Maltija li attendiet għall-konferenza Ministerjali ta' l-UE li l-Presidenza Irlandiża laqgħet li ssir għandha. Il-mira tal-Konferenza kienet li tistma kif qed jitħaddmu madwar l-Ewropa l-politiki kurrenti li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn is-sessi, u li teżamina x'inizjattivi ġodda huma meħtieġa. Kien ukoll diskuss u approvat il-ħolqien ta' Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-sessi.

***Familji, Tibdil u Politika Soċjali fl-Ewropa****:*
Mejju, Dublin, L-Irlanda

F'Mejju, id-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza s-Sinjura Sina Bugeja flimkien ma' parteċipanti oħra Maltin ħadet sehem f'Konferenza ta' jumejn organizzata mill-Presidenza Irlandiża ta' l-Unjoni Ewropea. Fl-ewwel ġurnata, il-Konferenza ddiskutiet l-aħħar tagħrif disponibbli dwar il-bdil fin-natura tal-familja, u t-tibdil fis-soċjetà li jaffettwa r-rwol tal-familja. Fil-*workshops* li saru wara ġew diskussi l-modernizzazzjoni tal-ħarsien soċjali fid-dawl tat-tibdil li qed iseħħ bħalissa fil-familja, il-familja bħala punt fokali ta' l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali, il-familja bħala li tħares liż-żgħażagħ u l-anzjani; u r-rikonċiljazzjoni bejn l-impjieg u r-responsabbiltà u l-esiġenzi tal-familja. Fit-tieni ġurnata tkomplew id-diskussjonijiet ta' qabel biex jiġu proposti possibbiltajiet konkreti għall-azzjoni minn Stati Membri ta' l-UE u atturi internazzjonali oħrajn.

***L-24 Laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel:*** Ġunju, Brussell, Il-Belġju

F'Ġunju, id-Direttur Eżekuttiv u Dott. Rev. V. Xuereb tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ħadu sehem f'konferenza ta' ġurnata fi Brussell. Fil-Konferenza ġew diskussi l-iżviluppi legali dwar l-

Artikolu 13 u l-iżvilupp ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Ġew indirizzati ukoll kwistjonijiet oħrajn bħall-Programmi ta' l-UE, il-Konfederazzjoni tal-ETU, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-*mainstreaming* tal-perspettiva dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi f'dan il-qasam, rapporti minn *working groups*, u fl-aħħarnett *green paper* li tirrigwarda l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni f'Unjoni Ewropea mkabbra.

***Konvokazzjoni tat-30 Laqgħa ta' l-iSteering Committee għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (CDEG):*** Ġunju, Strasburgu, Franza

F'Ġunju, id-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ħadet sehem fil-Konvokazzjoni ta' tliet ijiem tas-CDEG fi Strasburgu, Franza. Il-kwistjonijiet li kienu indirizzati fil-Konvenzjoni kienu jinkludu dan li ġej:

- *Follow-up* tal-Ħames Konferenza Ministerjali Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel (Skopje, 22-23 ta' Jannar 2003)
- Tħejjija għas-Sitt Konferenza Ministerjali dwar l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel
- Kumitat *Ad Hoc* dwar Azzjoni Kontra t-Traffikar ta' Persuni (CAHTEH)
- Preżentazzjoni minn Dr. Eileen Dew ta' 'l-Istudju dwar il-*Parental Leave'*
- Parteċipazzjoni bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi
- Implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-*follow-up* Rec. (2002) 5 dwar il-protezzjoni tan-nisa kontra l-vjolenza (EG-6-MV) (2004) 8
- Laqgħa ta' l-Ispeċjalisti Ewropej dwar 'Il-Kura Terapewtika ta' l-Irġiel Vjolenti' [CEDEG (2004) 4]
- Studju dwar 'Żwiġijiet Sforzati/Zwiġijiet Ippjanati'
- Attivitajiet fil-qasam tal-*Mainstreaming* ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
- *Follow-up* tal-kontroll mill-Kumitat tal-Ministri tal-Konformità ma' l-obbligi ta' l-istati membri fuq it-tema "Ugwaljanza bejn nisa u rġiel"
- Attivitajiet dwar kooperazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa (CoE)
- Parteċipazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa (CoE) fil-Beijing + 10
- L-40 Sessjoni tas-CSW (Marzu 2004)
- Rakkomandazzjonijiet ta' l-Assemblea Parlamentari (1654) 2004

***Drittijiet Indaqs f'Ewropa Mkabbra:*** 2 – 5 ta' Lulju, Praga, Ir-Repubblika Ċeka

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza kienet irrappreżentata f'din il-konferenza kontra d-diskriminazzjoni b'mod ġenerali u li kienet tikkonċentra fuq l-Artikolu 13. Matul din il-konferenza punt prinċipali li ġie diskuss kien jekk huwiex aħjar li jkun hemm korpi dwar l-ugwaljanza li jkunu uniċi jew inkella jinħolqu diversi korpi dwar ugwaljanza mxerrda mal-pajjiż kif sar fl-Irlanda. Il-kelliema prinċipali ddiskutew bejniethom argumenti favur kif ukoll kontra.

***Diversità u Parteċipazzjoni: il-perspettiva dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi:*** Laqgħa Ministerjali Il-Presidenza Olandiża
5 – 6 ta' Lulju, Rotterdam, L-Olanda

Il-laqgħa kkonċentrat fuq it-tħejjija tal-***Beijing+10 Platform for Action***, li kellha ssir matul il-Presidenza li jmiss. Filwaqt li l-globalizzazzjoni u l-kompjuterizzazzjoni taw opportunitajiet ekonomiċi u awtonomija akbar lil xi nisa, ħafna oħrajn sfaw marġinalizzati u mċaħħda mill-benefiċċji ta' dan il-proċess, minħabba l-inugwaljanzi kbar li jeżistu fost u fi ħdan il-pajjiżi. Fil-futur, iċ-ċaqliq tan-nisa minn post għal ieħor għandu jġib ħafna vantaġġi fl-isferi demografiċi, ekonomiċi u kulturali. Din is-sitwazzjoni ġġib ukoll lill-UE wiċċ imbwiċċ ma' sfidi u opportunitajiet ġodda biex tiżviluppa politiki u miżuri ġodda biex jgħinuhom jeliminaw dawk l-ostakli li ma jħalluhomx jintegraw fis-soċjetajiet tagħna. Dawn l-isfidi huma msaħħa mill-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi biex tkun indirizzata l-qagħda tan-nisa li huma ġejjin minn minoritajiet etniċi.

Jekk l-UE trid tilħaq il-miri ta' Lisbona ta' tkabbir ekonomiku għal perjodu twil ta' żmien, jiġifieri *full employment*, koeżjoni soċjali u żvilupp sostenibbli, iridu jogħlew il-livelli ta' mpjieg ta' gruppi li bħalissa m'humiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol. Dan jista' jinkiseb: (1) bl-iżvilupp ta' strateġiji biex tikber il-parteċipazzjoni netta tan-nisa u mpjegati aktar anzjani (2) billi jiġi nkoraġġit approċċ ta' *mainstreaming* ta' ugwaljanza bejn is-sessi bl-għan li jintlaħqu l-oġġettivi ġenerali ta' Lisbona (3) u li jiġu ttrattati d-differenzi fil-pagi u l-ħolqien ta' mpjiegi li jagħmluha aktar faċli għan-nisa li jidħlu fid-dinja tax-xogħol. Waħda mill-barrieri hija l-eżistenza ta' użanzi stabbiliti jew tradizzjonali, li jaffettwaw is-saħħa tan-nisa u l-bniet."

***Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa – Rapport CEDAW Malta:*** 11– 22 ta' Lulju, New York, L-Istati Uniti ta' l-Amerika

Dr Fr V Xuereb u Ms S Bugeja ġew mistiedna jippreżentaw ir-Rapport tal-Bidu kif ukoll it-Tieni u t-Tielet Rapport lill-kumitat CEDAW f'isem il-Gvern ta' Malta. Ingħataw spjegazzjonijiet fuq is-sistemi Politiċi u Legali lokali kif ukoll fuq il-miżuri li ddaħħlu matul is-snin sabiex jinħoloq bilanċ aħjar bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja. Ingħatat spjegazzjoni sħiħa b'mod dettaljat tal-Miżuri għall-Ugwaljanza.

'In-nisa Maltin kisbu d-dritt tal-vot u d-dritt li joħorġu bħala kandidati għall-elezzjonijiet fil-5 ta' Settembru 1947. Madankollu, ir-rappreżentanza tan-nisa fil-Kamra tar-Rappreżentanti kienet minn dejjem baxxa. Ħafna nisa huma attivi fi ħdan iż-żewġ partiti politiċi l-kbar; jiġifieri l-Partit Nazzjonalista u l-Partit Laburista Malti, u t-tielet partit l-Alternattiva Demokratika / il-Partit tal-Ħodor imma ġeneralment ma jokkupawx pożizzjonijiet għoljin fil-ġerarkija tal-partit.

Gvern wara ieħor ikkommetta ruħu li jmexxi 'l quddiem l-ugwaljanza bejn is-sessi, kemm bil-liġi kif ukoll fil-prattika. Qabel huma kienu jimplimentaw approċċ integrat lejn l-ugwaljanza tan-nisa u l-avvanz fl-isferi legali, ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali tas-soċjetà Maltija. Minn ta' quddiemnett fost il-miżuri soċjali adottati mill-Gvern fl-1989 kien il-makkinarju nazzjonali intiż għall-ugwaljanza u l-avvanz tan-nisa. Madankollu, huwa rilevanti ħafna li wieħed jinnota li l-ewwel kandidat mara kienet ġiet eletta fil-Parlament fl-ewwel snin tal-Ħamsinijiet u saret Ministru fl-1955.

Fl-2003 daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa [Kap 456] u f'Jannar 2004, ġiet maħtura l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa. L-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali [Kap 452] [2002] [EIRA] jaħseb għall-ugwaljanza fit-trattament ta' l-irġiel u n-nisa fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk każijiet ta' diskriminazzjoni fuq il-postijiet tax-xogħol jiġu investigati jew mit-Tribunal Industrijali kif previst taħt il-kondizzjonijiet ta' l-EIRA jew permezz tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ugwaljanza.

Wara li saret il-preżentazzjoni orali, il-membri tal-kumitat tas-CEDAW staqsew domandi pertinenti ħafna lill-membri tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza preżenti; mbagħad ġiet mogħtija risposta dettaljata għalihom il-ġimgħa ta' wara.

***Id-Disa' Laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istrateġija ta' Qafas Komunitarju għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi:*** l-20 ta' Lulju, Brussell, Il-Belġju

Is-Sur Mario Mallia kien preżenti għal-Laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istrateġija ta' Qafas Komunitarju għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi li saret fi Brussell, il-Belġju. Matul din il-laqgħa saru taħditiet fuq il-Konferenza li saret qabel f'Rotterdam, u fuq l-iskemi ta' sostenn finanzjarju għall-Istrateġija ta' Qafas. Din il-konferenza tat importanza kbira lill-rwoli ta' l-irġiel. Din kienet l-ewwel darba li Malta kienet irrappreżentata f'dan il-Kumitat.

***Rapport dwar iż-żjara istruttiva fl-Uganda minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri Ġodda ta' l-Unjoni Ewropea:*** 28 ta' Awissu – 6 ta' Settembru, organizzata mill-Presidenza Olandiża, Kampala, L-Uganda

Id-delegazzjoni kien fiha:

- rappreżentant mil-Lussemburgu, bħala l-pajjiż li ser ikollu f'idejh il-Presidenza li jmiss ta' l-UE;
- rappreżentanti mis-seba' stati membri ġodda ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u s-Slovenja. Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza kienet irrappreżentata minn Ms Grace Attard.

Indikaturi magħżula tas-Saħħa Riproduttiva (RH) fl-Uganda* li kienu mmirati jinkludu:

a. Tkabbir fil-popolazzjoni

- rata globali ta' fertilità ta' 6.9 fl-2001 (2.7 fid-dinja; 5.1 fil-pajjiżi l-inqas żviluppati – LDC)
- rata ta' tkabbir fil-popolazzjoni ta' kull sena ta' 3.4% fl-2002 (1.2% fid-dinja; 2.4% fil-pajjiżi l-inqas żviluppati - LDC)

b. Tqala u Ħlas mingħajr riskju *(Safe motherhood)*

- rata ta' mwiet ta' l-omm waqt it-tqala jew il-ħlas: 505 kull 100,000 tarbija mwielda ħajja fl-2001
- mill-inqas 35% ta' l-imwiet ta' l-omm waqt it-tqala jew il-ħlas huma kkawżati minn aborti li jsiru b'mod perikoluż
- rata ta' mwiet tat-trabi fl-ewwel sena mit-twelid tagħhom- 88 imwiet minn kull 1000 tarbija li titwieled ħajja (2001) (56 fid-dinja fl-2002)

c. Rata għolja ta' tqala fost iż-żgħażagħ

- Età medja ma' l-ewwel wild - 18.7 sena (2001)
- 31% tan-nisa tqal kienu fl-etajiet ta' bejn 15 u 19 (2000)

d. Ippjanar tal-Familja (FP)

- rata tan-numru ta' persuni li jużaw il-kontraċettivi 23% fl-2001 (61% fid-dinja; 27% fl-Affrika)
- ħtieġa mhux sodisfatta għall-ippjanar tal-familja 35% (2001)

e. Infezzjonijiet trasmessi b'mod sesswali (STIs) u HIV/AIDS

- rata ta' persuni nfettati bl-HIV 6.2% ta' l-adulti (2002) (tnaqqis minn 20% fl-1991)

f. Mutilazzjoni tal-Ġenitali Femminili

- hemm xi reġjuni fl-Uganda fejn din l-użanza tradizzjonali, li tagħmel ħafna ħsara, għadha qed titwettaq.

***Laqgħa ta' Livell Għoli dwar il-Mainstreaming ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi:***
29 – 30 ta' Ottubru, Brussell, Il-Belġju

It-tema prinċipali tal-konferenza kienet tikkonċentra fuq ir-Rapport tar-Rebbiegħa tal-Kunsill ta' l-Ewropa li l-Grupp ta' Livell Għoli għandu jippreżenta lill-Presidenza. Ġie deċiż li r-rapport finali jkun *follow-up* tar-rapport tas-sena li għaddiet u għandu jikkonċentra aktar fuq il-qagħda tan-nisa fl-Ewropa. Dan huwa l-uniku rapport li ġie ppreżentat li jikkonċentra b'mod esklussiv fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi.

***Żjara ta' Studju fuq l-EQUAL – Twinning Light Project***
4 – 8 ta' Ottubru, Madrid, Spanja

Id-delegazzjoni Maltija kienet immexxija mis-Sur E Grima Baldacchino, Manager ESF Unit, MFSS u magħmula minn tliet membri oħra, fosthom id-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza.

Id-delegazzjoni Maltija kienet milqugħa fl-EQUAL ESF Unit mill-Assistent Direttur Ġenerali tal-Missjoni l-Ispanjol Don Carlos Tortuero Martin u żaret l-IMSERSO [Istitut għall-Persuni Anzjani u s-Servizzi Soċjali] fejn is-Sur Roberto Amurrio, Kap inkarigat mit-Tmexxija tal-Programmi u ċ-Ċentri għar-Refuġjati, wera x-xogħol kollu li qed jiġi ndirizzat lejn ir-rintegrazzjoni tar-refuġjati fis-soċjetà Spanjola.

Wara dan, id-delegazzjoni ttieħdet iżżur iċ-ċentru tar-refuġjati msejjaħ Centro de Acogida a Refugiados ġewwa Vallecas fl-inħawi ta' barra Madrid fejn ġiet mogħtija spjegazzjoni sħiħa tal-mira u l-iskopijiet tal-proġetti ta' l-UE. Wara kien imiss il-UAFSE [ESF Management Unit] fil-Ministerio de Trabajo y Asuntos Sociales [Ministeru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali].

Ġiet organizzata żjara lill-Kunsill tal-Belt ta' Madrid fejn ir-RECONCILIATION DP qed jimplimenta l-proġett ta' l-ESF tiegħu. Id-Direttur Ġenerali għall-Opportunitajiet Indaqs Ms Asuncion Miura mexxiet id-diskussjoni. Ġiet mogħtija preżentazzjoni dwar il-proġett ta' l-EQUAL 'Madrid, belt għar-Rikonċiljazzjoni' mis-Sinjura Rosa Gomez li hija l-kap tad-Dipartiment tax-Xogħol, Opportunitajiet Indaqs u r-Rikonċiljazzjoni u fil-preżenza ta' rappreżentanti taż-żewġ Għaqdiet tal-Ħaddiema [UGT u CCOO], l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem ta' Madrid u numru ta' Għaqdiet Mhux Governattivi (NGOs) imdaħħla fil-proġett. Is-soċjetà tas-Salib l-Aħmar Spanjola hija mdaħħla sew fid-diversi klassijiet tas-soċjetà Spanjola u hija attiva ħafna f'dawn il-proġetti.

Saret żjara lill-Istitut tan-Nisa ta' Spanja fejn ingħatat spjegazzjoni mid-Direttur tad-diversi modi kif l-Istitut tan-Nisa kkontribwixxa għall-proġetti ta' l-EQUAL u għaċ-Ċentru ta' Dokumentazzjoni ta' l-Istitut, fejn ingħatat wirja dwar kif tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni.

Fil-Gżejjer Kanarji ingħatat preżentazzjoni bil-*power point* dwar l-inizjattivi tal-Komunità ta' l-EQUAL li kienu jinkludu l-FUTUREM u l-AVANZA. Iż-żjara fiċ-Ċentru ta' CEMAIN [Centro Maria Auxiliadora de Insercion Laboral] jista' jingħad li kienet l-aktar mument interessanti tal-ġurnata. Dan iċ-ċentru huwa wieħed mid-DPs li jaħdem fi ħdan il-proġett tal-FUTUREM li jiffoka fuq il-Ħila għax-Xogħol u dawk li jgawdu fl-aħħarnett huma persuni żgħażagħ u żvantaġġati.

***Konferenza Finali EQUAL - MIXED***

2nd - 4th November, Amsterdam, L-Olanda

Il-mira prinċipali tal-proġett Mixed hija li jkun introdott bilanċ aħjar fl-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol inklużi l-aspetti kollha tad-diversità.

Skopijiet tal-proġett:

- li jintużaw it-talenti kollha kemm tan-nisa kif ukoll ta' l-irġiel;

- li jikkonċentra fuq il-kumpanniji u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-ħaddiema (il-persuni f'pożizzjonijiet għoljin u Maniġers tar-Riżorsi Umani);
- li jikkonċentra fuq l-impjegati nisa u fuq il-kultura tal-kumpanija;
- li jinkludi kooperazzjoni li tmur li 'l hinn mill-fruntieri nazzjonali.

Riżultat ġenerali:

- Il-parteċipazzjoni fil-proġett qegħdet il-kwistjoni fuq l-aġenda tal-kumpaniji;
- Kiber l-impenn min-nies li jokkupaw pożizzjonijiet għoljin, u fil-fatt, ġie introdott l-ikkowċjar tan-nisa;
- Riżultati pożittivi taw aktar riżultati pożittivi;
- L-involviment tat-*Top* u l-*Middle Management* huwa inevitabbli;
- Iddaħħlet ukoll fl-aġenda d-diversità nazzjonali inklużi l-età u l-etniċità.

***Laqgħa ta' Livell Għoli fuq l-Ugwaljanza ta' bejn is-Sessi***
5 ta' Novembru, Amsterdam, L-Olanda

Fost il-punti prinċipali diskussi kien hemm:

- Verżjoni miktuba mill-ġdid ta' l-artikolu 13,
- Aġenda ta' Politika Soċjali
- *Green Paper* dwar id-diskriminazzjoni
- *Green Paper* dwar l-emigrazzjoni u l-immigrazzjoni
- Proposta għal Istitut fi Vjenna (kontra d-diskriminazzjoni)
- Il-*mainstreaming* ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Fondi Strutturali

Barra dan, ġie deċiż li għandha titkompla r-riċerka dwar il-Fastidju Sesswali fuq il-post tax-xogħol li kienet inbdiet taħt il-Presidenza Irlandiża. L-Olanda ħarġet bl-idea ta' l-indikaturi dwar il-Fastidju Sesswali fuq il-post tax-xogħol.

Deher ċar mir-rapport Irlandiż li d-*data* ma setgħetx tkun imqabbla, għalhekk ittieħdet deċiżjoni Pan-Ewropea sabiex jintużaw l-indikaturi li ġejjin bl-għan li tkun tista' tiġi mqabbla d-*data*.

1a. Numru ta' ħaddiema li jirrappurtaw inċidenti ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol (bħala persentaġġ tan-numru totali tan-nies jaħdmu + numri attwali);

2a. Numru ta' ħaddiema li għandhom l-opportunità li jippreżentaw lment ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol f'intrapriża privata jew pubblika;

1b. Numru ta' intrapriżi privati u pubbliċi li għandhom politika ta' prevenzjoni dwar fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol (bħala persentaġġ tan-numru totali ta' min iħaddem)

2b. Numru ta' intrapriżi privati u pubbliċi li għandhom proċeduri stabbiliti għal sanzjonijiet kontra min iwettaq fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol (bħala persentaġġ tan-numru totali ta' min iħaddem).

***Rapport ta' l-Ewwel Laqgħa dwar il-proġett EQUAL fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi intitolat 'Gender News Good News':*** 12 ta' Novembru, Ruma, L-Italja

Il-mira ta' dan il-proġett hija li membri attivi tal-*media* fl-Italja, Franza, Spanja u Malta jiġu 'mgħallma' jifhmu l-obbligu li għandhom li jaraw kif ibiddlu l-impressjoni stereotipata ta' kif jiġu ppreżentatati fil-*media* r-rwoli tan-nisa u l-irġiel. Il-proġett għandu jawtorizza lil min jikteb l-iskritti u lill-produtturi sabiex jiddeskrivu r-realtà ġdida.

***Ugwaljanza fl-Ewropa tal-futur:***
22 – 23 ta' Novembru, The Hague, L-Olanda

Din il-konferenza ġiet organizzata sabiex ikunu diskussi l-implikazzjonijiet tal-*Green Paper* fuq id-Diskriminazzjoni ppubblikata mit-Taqsima ta' Kontra d-Diskriminazzjoni tad-Direttorat Ġenerali dwar ix-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali aktar kmieni fl-2004, u ddiskutiet l-implikazzjonijiet dwar l-ugwaljanza għal kulħadd fl-UE. Il-konferenza ppruvat issib proposti konkreti għat-titjib fil-*Green Paper*, u rat jinġabru flimkien uffiċjali minn Korpi Governattivi, Għaqdiet Mhux Governattivi(NGOs), Membri Parlamentari Ewropej, *Lobby Groups*, *Networks* ta' Riċerka, u oħrajn.

Fid-diskors tal-bidu tiegħu Thomas de Graaf, Deputat Prim Ministru u Ministru għar-Riforma fil-Gvern u r-Relazzjonijiet tar-Renju ta' l-Olanda staqsa jekk il-leġislazzjoni weħidha hijiex strument effettiv biex tkun ikkumbattuta d-diskriminazzjoni u staqsa jekk kienx hemm mezzi oħrajn

biex tkun ikkumbattuta din il-problema. Huwa ta x'jifhem li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol hija kruċjali u fiha nnifisha hija mezz kif wieħed jaħdem biex tinkiseb sigurtà akbar u jkun ikkumbattut it-terroriżmu. Huwa tal-fehma li fil-qasam tal-*mainstreaming* ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, inġabret ħafna informazzjoni, u dan il-qasam ra snin ta' implimentazzjoni ta' politika ta' kontra d-diskriminazzjoni. Madankollu dak ma jistax jitmexxa aktar waħdu, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni titlob li titmexxa fit-territorji kollha.

***Konvokazzjoni tal-31 Laqgħa tal-Kumitat Direttiv għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel [CDEG]*** 24 – 26 ta' Novembru, Strasburgu, Franza

Bdiet id-diskussjoni fuq is-Sitt Konferenza Ministerjali Ewropea dwar l-Ugwaljanza li għandha ssir fl-Isvezja: 8-9 ta' Ġunju 2006.

Il-kumitat Ad Hoc tal-Kunsill ta' l-Ewropa (CoE) dwar azzjoni kontra t-traffikar ta' bnedmin (CHATEH) iddikjara li hemm ċerti kwistjonijiet kontroversjali fl-abbozz tal-konvenzjoni u dawn jinkludu:

- Traffikar fil-bnedmin bħala ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem.

  Xi esperti qed jinsistu li ksur tad-drittijiet tal-bniedem jista' jiġi magħmul biss minn uffiċjali ta' l-istat.

- Klawsola tan-nuqqas ta' għoti ta' kastig (*Non-punishment clause)*

  M'hemmx qbil fuq din il-klawsola li tenfasizza l-prinċipju aċċettat tal-liġi kriminali li persuna ma tistax tiġi kkastigata għal reat li hija tkun sfurzata twettaq. Skond dan il-prinċipju, huwa diffiċli li tikkastiga vittma ta' traffikar bi dħul u waqfien illegali f'territorju ta' xi Stat.

*Studju dwar il-Parental Leave (CDEG 2004)*

Il-Kunsill ta' l-Ewropa ta bidu għal studju dwar il-*Parental Leave* fl-Istati Membri tiegħu kollha. Mid-*data* miġbura s'issa, sar magħruf li fost l-Istati Membri kollha tal-Kunsill ta' l-Ewropa, Franza għandha l-ogħla persentaġġ ta' ġenituri li jaqsmu l-*leave* bejniethom biex jieħdu ħsieb tat-tfal tagħhom.

Ir-raġuni favur dan il-kunċett ġiet imressqa b'mod qawwi ħafna. Ġie spjegat b'mod ċar ħafna li l-futur ta' kull inizjattiva huwa bbażat fuq l-għerf, u għalhekk it-telf ta' impjegati mgħallmin huwa telf kbir immens għall-ekonomija.

***Il-25 Laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar Opportunatijiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel:*** 29 ta' Novembru, Brussell, Il-Belġju

Matul dawn l-aħħar 6 xhur il-Kummissjoni ppreżentat 7 dokumenti lill-Kunsill. Saret talba biex il-Ħames programm ta' l-Ugwaljanza jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2005. Ġie wkoll deċiż li l-programm il-ġdid PROGRESS EU għandu jinkludi:

- Xogħol
- Protezzjoni Soċjali
- Kondizzjonijiet tax-xogħol
- Diskriminazzjoni u diversità
- Ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa.

***KUMMISSJONI EKONOMIKA GĦALL-EWROPA TAN-NAZZJONIJIET UNITI [UNECE] – Laqgħa Preparatorja Reġjonali għar-Reviżjoni ta' l-10 snin mill-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Beijing*** 14-15 ta' Diċembru, Ġinevra, L-Isvizzera

Il-laqgħa ssejħet, konformi mad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, bħala attività preparatorja reġjonali biex issir reviżjoni globali tal-progress. Għalhekk ir-riżultat tal-laqgħa jintbagħat bħala l-kontribut tar-reġjun tal-UNECE lis-Sessjoni Speċjali tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa, li għandha ssir fi New York fi Frar – Marzu 2005.

Fost l-oqsma ta' tħassib koperti bil-Pjan ta' Azzjoni ta' Beijing, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonċentra r-Reviżjoni ta' l-10 snin fuq l-oqsma li ġejjin, li għandhom rilevanza partikolari għar-reġjun tal-UNECE:

- In-nisa fl-ekonomija (ħila għax-xogħol u protezzjoni soċjali);
- Mekkaniżmi istituzzjonali biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi; u
- Traffikar tan-nisa fil-kuntest ta' ċaqliq minn post għall-ieħor.
- Barra dan, l-Istati Membri tal-UNECE għandu jkollhom opportunità li jiddiskutu kwistjonijiet li qed jitfaċċjaw inkluż baġits għall-ugwaljanza bejn is-sessi u ICT fil-kuntest tas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika u ġeopolitika fir-reġjun.

## Proġetti ta' l-UE u tan-NU

***Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs Permezz tad-delegazzjoni tar-Responsabbiltà u l-Awtorità*** *Proġett ESF EQUAL*

Minħabba l-obbligi ta' Malta b'riżultat ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, u wara l-idea oriġinali tal-Kunsill tan-Nisa li jintużaw *'role models'* biex iħajru aktar nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol, l-NCPE żviluppat dan il-proġett bl-għan li tikkomunika mas-sezzjoni tan-nies qegħda tal-popolazzjoni Maltija (b'mod partikulari n-nisa), u tħajjarhom ifittxu x-xogħol.

Il-proġett huwa mqassam f'erba' fażijiet kif jidher hawn taħt:

*L-Ewwel Fażi – Kumpilazzjoni ta' l-Informazzjoni*

1. Il-kumpilazzjoni ta' l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ offruti.
2. L-identifikazzjoni ta' *role models* fi gruppi differenti tax-xogħol.

*It-Tieni Fażi – Tixrid ta' Informazzjoni permezz tal-Media*

3. It-tixrid ta' l-informazzjoni fuq ir-*role model* u l-opportunitajiet relatati ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' servizzi pubbliċi (PSAs) bit-televiżjoni u r-radju.
4. Ix-xandir ta' serje ta' programmi televiżivi li jikkonċentraw fuq il-problemi li jiffaċċjaw in-nies qegħda u r-reklamar ta' mezzi ta' komunikazzjoni disponibbli li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu mmaniġġati dawn il-problemi.

*It-Tielet Fażi (a) – Tixrid ta' Informazzjoni fil-Komunità*

5. It-tħejjija ta' serje ta' *seminars* għall-pubbliku mill-Kunsilli Lokali bl-iskop li tkun spjegata f'aktar dettal l-informazzjoni mxerrda permezz tal-*media.*
6. Il-ħolqien ta' *focus groups* biex jiddiskutu suġġetti ta' programmi u *seminars* għal fuq il-*media* u jsaħħu r-rikapitulazzjoni u l-valutazzjoni tal-proġett għal aktar azzjoni.

*It-Tielet Fażi (b) – Laqgħat ma' min Iħaddem*

7. It-tħejjija ta' laqgħa ma' min iħaddem u r-rappreżentanti tagħhom biex issir valutazzjoni tas-sensittività għall-barrieri li qed jiffaċċjaw in-nisa li

qed ifittxu mpjieg u l-prijorità attribwita mill-industrija għal dawn il-barrieri.

8. It-taqbil tar-riżultati tax-xogħol li jkun sar fuq il-proġetti (a) mal-popolazzjonijiet immirati u (b) ma' min iħaddem.
9. L-identifikazzjoni ta' aktar azzjoni li trid tittieħed mis-sieħba.

*Ir-Raba' Fażi – Formulazzjoni tal-Politika*

10. Il-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fuq politika lill-Gvern sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet indaqs inkluż l-ugwaljanza bejn is-sessi bbażata fuq dak li ssemma hawn fuq, l-esperjenzi tar-*role models* dwar ir-riżultati tas-*seminars* għall-imsieħba soċjali.

Dan il-proġett kien approvat mill-Kabinett f'Diċembru u huwa mistenni li jitlesta sa nofs is-sena 2007. L-NCPE qegħda fil-mument torganizza d-dokumenti għall-offerti ta' xogħol bl-appalt u x-xogħol preparatorju sabiex ikun illanċjat il-proġett.

***Mainstreaming ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi – Id-Direzzjoni għall-Ġejjieni*** *Proġett ESF*

Dan il-Proġett ESF jikkomplementa lill-Proġett ESF EQUAL billi jimmira li jżid il-parteċipazzjoni u l-avvanz tal-mara fis-suq tax-xogħol prinċipalment permezz ta' l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' miżuri li jwasslu għal titjib fil-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja. Huwa jindirizza l-ambjent tax-xogħol fis-setturi pubbliċi u privati sabiex jipprovdi opportunitajiet lin-nisa ħalli jkunu jistgħu isibu mpjieg f'dawn is-setturi. Il-proġett jimmira ukoll li jagħti suġġerimenti fir-rigward ta' tfassil tal-politika fuq kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sessi, li jissensibilizza l-għoti ta' benefiċċju biżżejjed a paragun tal-flus li jintefqu, u benefiċċji oħrajn tal-partijiet soċjali, u li jidentifika kif jistgġħu jvarjaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-impjegati u ta' l-organizzazzjonijiet.

Dan il-proġett huwa maqsum fi tliet partijiet prinċipali kif jidher hawn taħt:

1. *Riċerka*
   Ir-Riċerka hija l-aktar parti prinċipali ta' dan il-proġett u hija suddiviża f'erba' partijiet iżgħar, li huma:

- L-identifikazzjoni ta' skopijiet potenzjali ta' titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol sabiex isiru aktar effettivi permezz ta' l-introduzzjoni ta' miżuri li jkunu ta' ġid għall-familja,
- L-identifikazzjoni ta' differenzi fil-pagi bejn is-sessi,
- It-tfittxija għall-karriera mill-gradwati u l-identifikazzjoni ta' l-effetti tan-nuqqas ta' miżuri li jkunu ta' għajnuna għall-familja u l-effett tagħhom fuq in-nisa,
- U t-twettiq ta' proġett pilota dwar it-*teleworking* fejn ukoll jiġi determinat x'ikunu s-suċċessi u t-tħassib tiegħu.

2. *Reklamar*

   Il-parti tar-reklamar timmira għall-promozzjoni ta' l-NCPE u s-servizzi li toffri lill-pubbliku, u li tmexxi kampajna fuq il-*media* dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi matul l-istadji differenti tal-proġett. Il-Kampanja Inizjali tkun tikkonċentra fuq it-tagħrif mogħti lill-pubbliku dwar in-normi Maltin u dawk ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. Wara dan, it-Tieni Stadju tal-Kampanja ta' Reklamar jikkonċentra fuq li r-riżultati miksuba permezz tal-parti tar-riċerka jintlaqgħu tajjeb u jkun inkoraġġit bilanċ indaqs bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.

3. *Mainstreaming ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

   Din il-parti hija mmirata għall-*mainstreaming* ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq livell nazzjonali. Il-politika ta' l-NCPE dwar il-*mainstreaming* ta' bejn is-sessi tkun ċentrali u, kemm hu possibbli, għandha tinfluwenza kemm jista' jkun il-politiki.

Dan il-proġett kien approvat mill-Kabinett f'Novembru u huwa mistenni li jitlesta sa nofs is-sena 2006. L-NCPE bagħtet id-dokumenti ta' l-offerti għal xogħol bl-appalt lid-Dipartiment tal-Kuntratti u ħarġet is-sejħiet għal mili ta' pożizzjonijiet battala *part-time* relatati ma' dan il-proġett.

***Il-Lakuna bejn is-Sessi fix-Xjenza u t-Teknoloġija f'Malta – Kif jingħelbu l-Problemi*** Programmi ta' Parteċipazzjoni tal-UNESCO fl-Attivitajiet ta' l-Istati Membri

Il-proposta għall-proġett ta' riċerka, intbagħtet lill-UNESCO, u kif jissuġġerixxi t-titlu tagħha, l-iskop tagħha huwa li tonqos kemm jista' jkun il-lakuna li teżisti bejn is-sessi fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija.

Jekk ikun approvat, dan il-proġett:

- Jiġbor l-informazzjoni u jistabbilixxi bażi tad-*data* dwar in-numri u s-sess rispettivi tal-persuni mħarrġa fix-xjenza u t-teknoloġija f'Malta.
- Jistabbilixxi l-istatus ta' l-impjieg, il-mobilità tiegħu, u l-impjieg attwali jew nuqqas tiegħu ta' dawk il-persuni u d-*data* demografika relatata mar-responsabbiltajiet fil-familja.
- Isib tarf tal-problema ta' l-istereotipi bbażati fuq is-sess fix-xjenza u l-influwenza tagħhom fuq il-ġenituri u l-imġiba u l-aspettattiva tal-bniet, permezz tal-*media, seminars* u konferenza.

## ***Quality Service Charter***

Fit-2 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa introduċiet il-*Quality Service Charter* tagħha. Dan iċ-*Charter* jagħti stampa ċara tax-xogħol li twettaq l-NCPE skond id-disposizzjonijiet ta' Att 456. Permezz ta' dan iċ-*Charter*, l-NCPE intrabtet b'ċertu *standards* f'dak li ghandu x'jaqsam mas-servizzi li tagħti lill-pubbliku. Dawn jinkludu ukoll *timeframes* li jridu jiġu rispettati biex jingħataw risposti għall-mistoqsijiet jew lmenti tal-pubbliku.

Fl-okkażjoni tal-varar tal-*Quality Service Charter*, li sar fl-Uffiċċju ta' l-NCPE, tkellmet l-Onor. Dolores Cristina, Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali. Hi tkellmet dwar kif, permezz taċ-*Charter*, tiġi garantita l-kwalità tas-servizz li jingħata liċ-ċittadini Maltin, nisa u rġiel, dwar id-drittijiet tagħhom fejn għandu x'jaqsam ma' ugwaljanza. Barra minn dan, il-Ministru semmiet ukoll il-fatt li l-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, kienet l-ewwel Kummissjoni li ħarġet *Quality Service Charter*.

Dan iċ-*Charter* jiffaċilita t-tqassim ta' informazzjoni lill-pubbliku in ġenerali u fl-istess waqt jgħin biex ikun hawn aktar għarfien dwar ir-rwol tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa f'Malta. Il-*Quality Service Charter* tqassam lill-diversi entitajiet madwar Malta biex ikun aċċessibbli bla diffikultà għall-pubbliku, fosthom kliniċi tal-Gvern u Kunsilli Lokali. Iċ-*Charter* ġie ppubblikat kemm bil-Malti, kif ukoll bl-Ingliż.

## Kontribuzzjoni fil-*Media*

***Stqarrijiet għall-Istampa***

Matul is-sena 2004 il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Ugwaljanza ħarget diversi stqarrijiet għall-istampa, li jinkludu:

*Nisa fil-Parlament* - Wara li nbidel il-Kabinett nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu, il-Kummissjoni ħarġet stqarrija għall-istampa fil-gazzetti lokali fejn esprimiet is-sodisfazzjon tagħha għall-ħatra ta' żewġ nisa bħala Ministri u mara bħala Segretarja Parlamentari. Il-Kummissjoni ssoktat tgħid li dan juri biċ-ċar il-possibbiltà ta' aktar avvanz fil-qasam ta' l-ugwaljanza permezz ta' rappreżentanza u interess akbar min-nisa fil-Parlament Malti.

*Malta fl-Unjoni Ewropea* - Wara d-dħul ta' Malta bħala membru ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni ħarget stqarrija għall-istampa fejn uriet is-sodisfazzjon tagħha, għaliex dan jista' jkollu impatt tajjeb fil-qasam tal-promozzjoni għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'pajjiżna.

*Konferenza "Women and Men in an Enlarged Europe"* - Wara l-kontribuzzjoni tal-Ministru Dolores Cristina, Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali waqt il-konferenza tal-Presidenza Irlandiża, il-Kummissjoni ħarget stqarrija biex turi l-appoġġ li uriet il-Ministru lejn dan l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Il-Ministru sostniet li l-Kummissjoni eżistenti m'għandhiex tirrepeti xogħol li digà sar, iżda jkollha rwol li tikkoordina, toħloq u żżomm *networks*, tiffunzjona bħala *link* bejn il-qasam tar-riċerka u *policy making* fl-Unjoni Ewropea, id-direttorati ġenerali tal-kummissjoni, imsieħba soċjali ta' l-Unjoni u organizzazzjonijiet nazzjonali dwar l-ugwaljanza.

*Parlament Ewropew* - Il-Kummissjoni ħarget stqarrija dwar laqgħa li kellha mal-kandidati għall-elezzjoni fil-parlament ewropew li saret fit-28 ta' Mejju 2004.

*Quality Service Charter* - Wara li l-Kummissjoni introduċiet il-*Quality Service Charter* tagħha ħarget stqarrija fejn spjegat id-dokument kif ukoll il-benefiċċji li wieħed/waħda jista' jieħu mis-servizzi li toffri l-Kummissjoni, fosthom li kull każ ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess jista` jitqiegħed quddiemha, biex b'hekk jittieħdu l-passi meħtieġa.

*Nisa esperti f'oqsma partikulari* - Hekk kif f'Ottubru bdew jixxandru l-iskedi l-ġodda għall-istazzjonijiet tat-Televiżjoni u r-Radju lokali, il-Kummissjoni ħarget stqarrija għall-istampa biex turi l-ħtieġa ta' bilanċ aħjar bejn is-

sessi fuq bordijiet ta' diskussjoni dwar il-programmi li jixxandru. F'din l-istqarrija l-Kummissjoni spjegat dwar id-*database* li għandha ta' nisa esperti f'oqsma partikulari, u li jistgħu jiġu kkuntattjati kemm-il darba dawn jagħtu l-kunsens tagħhom.

### *Ittri/Artikli fil-Gazzetti Lokali*

Immedjatament kif ġiet imwaqqfa f'Jannar 2004, il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-Gazzetti Lokali kollha fejn spjegat x'inhu r-rwol tagħha fis-Soċjetà Maltija, u l-provediment li joffri l-Att li jirregola din l-istess Kummissjoni bit-titlu: "Kapitolu 456 - Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa". L-iskop ta' din l-ittra kien li jiġu ċċarati x'inhuma l-konsegwenzi ta' reklamar diskriminatorju fuq bażi ta' sess, biex b'hekk dan l-abbuż jispiċċa u kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jingħataw l-istess opportunitajiet f'kull servizz, offerta jew applikazzjoni għal post tax-xogħol, li jiġu reklamati fuq il-gazzetti tagħna.

Ittra oħra li ntbagħtet lill-gazzetti lokali, din id-darba biex tiġi ppublikata, kienet tittratta fuq ix-xogħol tal-Kummisjoni filwaqt li tistieden lil dawk kollha li għandhom xi għaqda li tħaddan l-istess prinċipji/jew għandha x'taqsam mal-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi biex jingħaqdu fil-lista li l-kummissjoni tiġbor.

Ittri oħrajn li ntbagħtu lill-gazzetti kienu reazzjoni wara diversi lmenti li rċeviet il-Kummissjoni. Dawn l-ilmenti kienu jittrattaw reklami li kienu diskriminatorji jew li jippromwovu rwoli stereotipati. Hawnhekk il-Kummissjoni enfasizzat li jistgħu jittieħdu passi legali ta' dan ir-reat u ssuġġeriet li tiġi uzata lingwa aktar newtrali biex jiġu ppubblikati dawn ir-reklami.

Fit-22 ta' Awissu 2004 fil-gazzetta '*The Sunday Times'*, ġie ppubblikat artiklu bit-titlu '*Equality for Men and Women – is it part of the remit of the HRMs?*'. Dan l-artiklu deher ukoll fuq is-sit ta' l-internet tal-Fondazzjoni għar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp (FHRD).

### *Parteċipazzjoni fuq Programmi Televiżivi u dawk tar-Radju*

Id-Direttur Eżekuttiv ħadet sehem fuq programm televiżiv fuq l-istazzjon Super One bl-isem ta' 'Sejjaħtli'. Dan hu programm b'tema reliġjuża u li jittratta s-sitwazzjoni soċjali kurrenti. F'dan il-programm ġie diskuss ir-rwol tal-mara Maltija li taħdem barra mid-dar, b'mod partikulari fuq dak li tisħaq fuqu l-Knisja Kattolika u l-Bibbja.

Wara numru ta' diskussjonijiet ma' l-istazzjon tar-Radju RTK, il-Kummissjoni kellha l-opportunità xxandar numru ta' programmi informattivi dwar l-ugwaljanza, bl-għan li tispjega l-provvedimenti ta' l-Att kif ukoll teduka aktar lis-soċjetà Maltija. Ingħatat ukoll l-opportunità biex is-semmiegħa jcemplu u jindirizzaw il-mistoqsijiet tagħhom direttament lill-membri tal-Kummissjoni preżenti. Fil-fatt dawn il-programmi li nkludew diversi suġġetti, ixxandru kull nhar ta' Ħamis wara nofsinhar bl-ewwel programm jixxandar fl-1 ta' Lulju u l-aħħar wieħed lejn nofs Settembru. Il-programmi kienu mmexxija mid-Direttur Eżekuttiv, is-Sinjura S. Bugeja, waqt li l-Kummissarju Dr. J. Mifsud u s-Sur M. Mallia, membru tal-Kummissjoni taw is-sehem tagħhom ukoll.

F'Ottubru id-Direttur Eżekuttiv ħadet sehem f'diversi programmi oħra televiżivi u tar-radju; fosthom il-programm 'Monalisa' fuq Super One li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija, fil-programm 'Xarabank' imxandar fuq TVM il-Ġimgħa filgħaxija, kif ukoll f'programm ieħor fuq l-istazzjon RTK li jismu 'l-Irwol tal-Mara fis-Soċjetà.

## *Laqgħat Lokali*

*Laqgħat ta' l-Staff* - Matul is-sena 2004 il-Kummissjoni laqqgħet lill-istaff regolarment fejn kien jiġi koordinat ix-xogħol.

*Laqgħat tal-Kummissjoni* – Il-laqgħat tal-Kummissjoni kienu jsiru kull xahar. F'Marzu inħasset il-ħtiega li jiġi mwaqqaf ukoll Sotto-kumitat dwar l-ilmenti, biex jiġu diskussi aktar fid-dettal l-ilmenti u l-każijiet ta' diskriminazzjoni li jiġu mressqa quddiem il-Kummissjoni li kienu qed jiżdiedu minn ġurnata għall-oħra. L-avukat tal-Kummissjoni kienet ukoll tattendi għal dawn il-laqgħat minħabba l-aspett legali ta' ċertu każijiet biex b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu l-aħjar deċiżjonijiet.

*Laqgħa mas-Segretarju tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku* - Fi Frar 2004, membri tal-Kummissjoni kellhom laqgħa mas-Sur P. Sammut mill Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-proċedura ta' kif jinżamm rekord ta' l-ilmenti li jitressqu quddiem il-Kummissjoni (Servizz Pubbliku), u l-passi li jittieħdu, biex b'hekk jiġu adottati proċeduri simili mill-Kummissjoni għall-Ugwaljanza.

*Laqgħa mas-Sur R. Gallimore* - Il-Kummissarju u d-Direttur Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur R. Gallimore mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea ġewwa Malta. F'din il-laqgħa ġie diskuss l-aspett ta' l-

ugwaljanza bejn is-sessi min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll proposti biex jingħataw fondi biex b'hekk il-Kummissjoni l-ġdida tkun tista` tingħata aktar għarfien.

*Laqgħat b'konnessjoni ma' Proġetti ta' l-Unjoni Ewropea* - Matul is-sena 2004 il-Kummissjoni kellha diversi laqgħat b'konnessjoni mal-proġett ta' Fondi Strutturali ta' l-UE.

- Fl-1 ta' Marzu 2004, saret laqgħa mas-Sinjura M. Bonnici, mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, *Planning and Priorities Coordination Directorate,* fejn ġie diskuss dan il-Proġett. Il-laqgħa ffokat b'mod partikulari fuq *Priory 2* tal-proġett, li tittratta fuq: Impjieg u Adottazzjoni, Ugwaljanza bejn is-Sessi, 'Tagħlim tul il-Ħajja u Inklużjoni Soċjali'. L-Aktar punti li ġew diskussi kienu l-Assistenza Teknika biex jiġi fis-seħħ dan il-proġett bħal; Reklamar, Appoġġ minn Esperti Barranin, Offerti u Kuntratti skond ir-regola tal-Kuntratti Pubbliċi (2003), il-qbil mal-prinċipju ta' Kompetizzjoni Ġusta u Trasparenti, Formoli ta' Applikazzjonijiet u aktar fatturi li jridu jiġu kkunsidrati waqt l-ippjanar u r-realizzazzjoni ta' dan il-proġett.

- Laqgħa oħra li saret fis-17 ta' Marzu flimkien mal-*Planning and Priorities Coordination Directorate,* kienet tittratta l-introduzzjoni ta' *database – Structual Funds Database* - sistema ta' informazzjoni u sorveljanza, li tirregola dawn il-fondi matul dawn il-proġetti. Fost l-imsieħba interessati nsibu lill-*Internal Audit and Investigators Directorate,* il-*Planning and Priorities Coordination Directorate* bħala l-istituzzjoni ta' sorveljanza*,* Korpijiet Intermedjarji u Benefatturi Finanzjarji.

  Din is-sistema tirregola l-finanzi, il-kuntratti tal-proġett, *indicator monitoring*, l-aġġornament ta' l-*indicators* tal-proġett, *scheduling* tal-proġett, spejjeż u stimi, kif ukoll sorveljanza tal-proġett.

  Fid-29 ta' Marzu, membri tal-Kummissjoni attendew għal taħriġ imħejji mill-Organizzazjoni għal l-iżvilupp ta' l-Istaff (SDO) fuq din id-*database* fejn kellhom l-opportunità jużaw verżjoni sperimentali ta' kif kontijiet u rċevuti għandhom jiddaħħlu f'din is-sistema.

- Membri tal-Kummissjoni attendew laqgħa li saret ma' Ms Vicini Colombo minn Sardinja fl-24 ta' Marzu 2004, fejn ġie diskuss il-prinċipju ta' l-opportunitajiet indaqs fir-*Regional Operational Programme* (ROP) ġewwa l-Fondi Strutturali ta' Sardinja. Il-laqgħa ffokat fuq l-istrateġiji; kemm dawk Ewropej kif ukoll dawk nazzjonali; dwar opportunitajiet indaqs u l-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju ġewwa

Sardinja, esperjenzi reġjonali dwar il-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs, ir-riżultati li dawn bdew jagħtu, kif ukoll għanijiet għall-futur. Ġew diskussi b'mod partikulari l-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa fil-proġetti internazzjonali li qed jiġu iffinanzjati mill-Fondi Strutturali bħala wieħed mill-miri internazzjonali ta' l-Unjoni Ewropea. Dan il-kunċett ġie diskuss fuq l-eżempju ta' Sardinja, bħala azzjoni diretta u indiretta fir-reġjun u l-gvern lokali biex b'hekk tiġi eliminata l-inugwaljanza u promossi l-opportunitajiet indaqs. Dan kollu b'għan wieħed li tiġi mtejba l-kwalità tal-ħajja kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, jitnaqqas il-qgħad u jiżdied in-numru ta' nisa li jixtiequ jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

*Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Impjiegi (2004/2005)* - Membri tal-Kummissjoni attendew laqgħa li kienet organizzata mill-Aġenzija tat-Taħrig u l-Impjieg fit-18 ta' Marzu 2004, dwar il-Pjan ta Azzjoni għall-Impjieg (2004-2005). Dan il-Pjan ta' Azzjoni gie mwaqqaf wara li Malta saret membru ta' l-Unjoni Ewropea, u li wieħed mill-prinċipji huwa li fil-pajjiż innaqqsu n-numru ta' nies qegħda, titjieb il-kwalità u l-produttività tal-prodott, aktar inklużjoni fis-suq tax-xogħol u fl-istruttura soċjali. F'din il-laqgħa ħareġ il-punt li hemm bżonn ta' kooperazzjoni min-naħa tal-Gvern Malti, ta' l-istrutturi soċjali, l-imsieħba interessati u allokazzjoni adattata ta' riżorsi finanzjarji biex dan il-Pjan ta' Azzjoni jkun jista' jseħħ. Ġew diskussi l-pjanijiet tal-Kunsill ta' Lisbona li għandhom jilħqu l-għan tagħhom sas-sena 2010 kif ukoll linji ta' tmexxija li ġew imfassla biex dan il-għan jintlaħaq. Punti li ħarġu minn dan l-aspett kienu il-qgħad u l-pagi, segregazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, perjodi ta' waqfien mix-xogħol, klassifikar ta' l-impjieg u metodi ta' ħlas, kampanji ta' għarfien biex tinħoloq kuxjenza dwar id-drittijiet indaqs fuq il-post tax-xogħol, trasparenza fuq il-post tax-xogħol, u inkoraġġiment biex aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol permezz ta' miżuri u servizzi li joħolqu bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja.

*Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali* - Ġew organizzati laqgħat mal-Partiti politiċi jew rappreżentanti tas-sezzjoni tan-Nisa ftit qabel ma saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'April 2004. Waqt din il-laqgħa, tqajmu diversi punti fosthom il-bżonn li nħeġġu aktar nisa jipparteċipaw f'dawn l-elezzjonijiet u l-appoġġ li dawn ghandhom jingħataw.

*Laqgħa mal-Kandidati kollha li ikkontestaw l-ewwel Elezzjoni għall-Parlament Europew* - Saret ukoll laqgħa mal-kandidati li kienu qed jikkontestaw dawn l-elezzjonijiet fejn ingħataw l-opportunità jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-ugwaljanza u l-mod ta' kif kien bi ħsiebhom jaħdmu mal-Kummissjoni. Tqajmu ukoll diversi punti rigward l-ugwaljanza bejn is-sessi li ġew diskussi dak il-ħin stess.

*Kunsill Nazzjonali tan-Nisa* - Matul is-sena 2004 saret ukoll laqgħa mal-President u l-membri tal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa fejn ġiet diskussa ħidma u kollaborazzjoni fil-futur.

*Laqgħa ma' l-Ombudsman* - L-Ombudsman organizza laqgħa fil-25 ta' Mejju 2004 ma' diversi entitajiet li jaħdmu fil-qrib miegħu, fejn ġew mistiedna l-Kummissarju Dr. J. Mifsud u d-Direttur Eżekuttiv. Din serviet ta' promozzjoni għall-Kummissjoni fost dawk l-entitajiet li kienu preżenti u li kienu għadhom mhux familjari mal-bidla li saret wara t-twaqqif tal-Kummissjoni.

*Laqgħa mal-Unions* - Il-Kummissjoni għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza bejn is-Sessi organizzat laqgħa mal-*Unions* ewlenin f'Malta u Għawdex fejn il-punt prinċipali kien ir-rwol importanti li dawn għandhom biex jipromwovu l-ugwaljanza kif ukoll jaraw li din qegħdha tiġi nfurzata.

*Laqgħa mat-Taqsima tax-Xogħolijiet tas-Servizz Pubbliku* - Ġiet organizzata laqgħa mat-Taqsima tax-Xogħolijiet tas-Servizz Pubbliku flimkien mas-Sinjura J. Frendo u d-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni, fuq il-possibbiltà li jinfetaħ Ċentru għall-Ħarsien u ż-Żamma tat-tfal f'Belt is-Sebħ. Din l-inizjattiva ilha tiġi diskussa għal dawn l-aħħar snin, madankollu għadha fi stadju primittiv. Id-direttur tat-Taqsima tax-Xogħolijiet tas-Servizz Pubbliku, qal li hu kien lest li jieħu r-responsabbiltà ta' l-iżvilupp strutturali ta' dan iċ-ċentru, iżda jrid ikun hemm il-garanzija li l-Ministeru għal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali jagħti l-appoġġ meħtieġ min-naħa tiegħu lill-ħaddiema. Dan il-messaġġ ġie meħud quddiem il-Ministru Dolores Cristina.

*Laqgħa mas-Sur JR Grima u s-sinjorina A. Caruana Colombo (MPO)* – Numru ta' punti li ħarġu mill-ilmenti tal-ħaddiema tas-Settur Pubbliku kienu diskussi u riżolti f'din il-laqgħa.

*Laqgħa mal-Media Consulta Malta* – Is-Sur A Warrington, rappreżentant ta' *Media Consulta Malta*, l-aġenzija responsabbli li torganizza kampanja kontra d-diskriminazzjoni, mifruxa fuq tliet snin, ġie mistieden għal taħdita ġewwa l-uffiċċji tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza. Waqt din id-diskussjoni ħareġ il-fatt li l-kampanja ta l-Unjoni Ewropea, li dalwaqt tiġi introdotta ma' l-Ewropa kollha, għandha l-iskop li tippromwovi l-ugwaljanza f'ħames aspetti oħra u mhux dik ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan minħabba li kampanja fuq dan il-qasam ilha għaddejja għal dawn l-aħħar tliet snin; madankollu s-Sur Warrington qal li xorta waħda jistgħu jiġu pprovduti fondi għal kampanja nazzjonali fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi għal Pajjiżna.

*Laqgħa ma' l-Uffiċċji Nazzjonali ta' l-Istatistika* – Il-Kummissjoni kellha laqgħa mas-Sur A. Camilleri, Direttur ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fejn ġew diskussi possibbiltajiet ta' żvilupp b'mod speċjali fil-qasam tar-riċerka u l-istatistika nazzjonali. Waqt il-laqgħa kien hemm preżenti l-Kummissarju Dr J. Mifsud, id-Direttur Eżekuttiv Is-Sinjura S. Bugeja u Dr. M. Camilleri membru tal-Kummissjoni.

*Laqgħa mal-Fondazzjoni għar-Riżorsi Umani u L-Iżvilupp (FHRD)* – Saru żewġ laqgħat mal-Fondazzjoni għar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp matul is-sena 2004. Fl-ewwel laqgħa ġiet diskussa l-possibbiltà ta' aktar kooperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet, fejn ġie konkluż li jiġi organizzat seminar b'kollaborazzjoni bejn iż-żewg entitajiet. Waqt li fit-tieni laqgħa d-diskussjoni iffokat b'mod partikulari fuq l-Att li jirregola din il-Kummissjoni (Kapitolu 356), l-aktar fuq il-klawsola tal-fastidju sesswali. Hawnhekk ukoll ġie deciż li jsir seminar li fih jiġi diskuss dan il-punt; huwa maħsub li dan jsir fil-bidu tas-sena 2005.

*Laqgħa mad-Dipartiment tal-Kuntratti* – Il-Kummissjoni kellha tliet laqgħat mad-Dipartiment tal-Kuntratti matul is-sena. L-ewwel laqgħa talabha d-Dipartiment stess biex tiġi stabbilita klawsola għall-kuntratti. Fit-tieni laqgħa, li kienet informali, ġew diskussi r-regoli u l-proċeduri ta' offerti u l-Manwal tal-Proċeduri tal-Kuntratti Pubbliċi, waqt li t-tielet laqgħa serviet biex ġew iċċarati numru ta' problemi mal-proċedura ta' l-offerti.

*Laqgħa ma' l-Awtorità tax-Xandir* – F'laqgħa li saret ġewwa l-bini ta' l-Awtorità tax-Xandir mas-Sur M. Axiak flimkien mal-Kummissjoni, ġew diskussi t-*time-bands* differenti għal fuq it-Televiżjoni u r-Radju u kif dan l-istudju għandu jsir biex tintlaħaq il-maġġoranza tat-telespettaturi u s-semmiegħa meta jsir ir-reklamar.

Laqgħa oħra saret f'Novembru bejn is-Sinjura S. Bugeja, Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni u Dr. K. Aquilina, Chairperson ta' l-Awtorità tax-Xandir. F'din il-laqgħa ġie diskuss kif id-*database* ta' Nisa Esperti f'Oqsma Partikulari ta' l-Awtorità u dik tal-Kummissjoni jistgħu jiġu magħquda u jiġu aġġornati.

*Laqgħa ma' l-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta* – Il-Kummissarju kif ukoll id-Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni ltaqgħu ma' Dr. A. Camilleri u Dr. M. Attard mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fejn ħareġ ċar il-fatt li l-Awtorità għandha rata għolja ta' nisa li jaħdmu magħha, u toffri ħafna miżuri favur il-familja li l-impjegati jistgħu jibbenifikaw minnhom.

*Laqgħa ma' Dr Heidemarie Wunsche-Pietzka* – Il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa kellhom laqgħa ma' Heidi Marie Wunsche-Pietzka ġurnata qabel seminar li ġie organizzat mil-Kunsill fejn ġie introdott il-Proġett ta' Socrates/Grundtvig 1 li huwa proġett internazzjonali bit-tema ta' tagħlim tul il-ħajja u li jġib l-isem ta' *'Learning on the Stage of Life'* (LOSOL).

*Laqgħa ta' Konsultazzjoni ma' Avukati speċjalizzati fil-qasam tal-Familja* – Ġiet imsejħa laqgħa ma' Avukati speċjalizzati fil-qasam tal-Familja, nhar l-10 ta' Novembru 2004, biex jiġu diskussi l-proposti bħal emendi f'Kapitolu 16 tal-Kodici Ċivili, imressqa mill-Kummissjoni għall-Ugwaljanza. Il-Kummissarju Dr. J. Mifsud fetħet din il-laqgħa b'introduzzjoni fuq il-Kummissjoni u l-Att li jirregolaha (Kapitolu 456). Wara d-Direttur Eżekuttiv flimkien ma' l-Avukat tal-Kummissjoni Dr. R. Lepre fetħu d-diskussjoni dwar dawn il-proposti. Numru ta' avukati preżenti għal din il-laqgħa qasmu l-esperjenza u l-opinjoni tagħhom fuq punti diversi. Ġew diskussi diversi punti fosthom: ir-rikonoxximent tat-tfal, iż-żwieg mill-lenti tradizzjonali, l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u d-dar matrimonjali.

*Laqgħat b'Konnessjoni ma' ilmenti*:

- *Stipulazzjoni ta' self mill-Banek* – Wara li l-Kummissjoni rċeviet lment dwar diskriminazzjoni, id-Direttur Eżekuttiv, iltaqgħet ma' tliet Banek; mas-Sur A. Bezzina mill-Lombard Bank, mas-Sur J. M. Formosa mill-Bank of Valletta, u mas-Sur J. Camilleri mill-HSBC Bank. F'dawn il-laqgħat ġew diskussi l-kriterji li fuqhom jimxu l-banek biex jagħtu self fuq xiri ta' djar, biex b'hekk fejn qed issir xi diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess tiġi eliminata.

- *Flessibilità għal ħaddiema li jaħdmu fuq bażi ta' sigħat imnaqqsa* – Id-Direttur Eżekuttiv kellha laqgħa mas-Sur Eddie Gatt id-Direttur Ġenerali (MFSS), u s-Sur J. Camilleri Direttur Servizzi Korporattivi (MFSS) fejn ġiet diskussa l-opportunità ta' aktar flessibilità għall-ħaddiema tas-Settur Publiku li jkunu qed jaħdmu fuq bażi ta' sigħat imnaqqsa. F'din il-laqgħa intlaħaq ftehim aċċettabbli għal dawk kollha kkonċernati.

*Diskussjonijiet dwar il-konferenza "Gender and IT"* – Saru diversi taħdidiet bejn il-Korporazzjoni ta' l-Impjieg u t-Taħriġ, il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali u l-Kummissjoni għall-Ugwaljanza dwar din il-Konferenza li se ssir fil-21 ta' Jannar 2005. F'din il-Konferenza għandhom jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom in-nisa fil-qasam tat-Teknoloġija u l-Informazzjoni u għalhekk jiġu proposti regoli ġodda li jirregolaw dawn id-differenzi.

*Kampanja Bilanċ Aħjar bejn id-dinja tax-Xogħol u l-Familja* - Il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza flimkien mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Familja u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kellhom diversi diskussjonijiet dwar il-promozzjoni ta' bilanċ aħjar bejn id-dinja tax-xogħol u l-familja. Waqt dawn id-diskussjonijiet ġie deċiż li jsiru serje ta' reklami/messaġġi li jiġu mqegħda fit-toroq ta' pajjiżna. Sett minn dawn il- reklami/messaġġi digà deher, u wera l-messaġġ; "Għandek ħin għall-Familja Illum?", waqt li t-tieni sett għandu jidher fil-bidu tas-sena 2005.

## Klawsola dwar l-Ugwaljanza Bejn is-Sessi

Sabiex tiżgura li l-mira ta' l-UE li l-*mainstreaming* ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi jitwettaq b'mod orizzontali, l-NCPE ippreparat klawsola dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi biex tiddaħħal f'kull dokument ta' offerti għal xogħol bl-appalt maħruġ u f'kull kuntratt iffirmat mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-klawsola tgħid dan li ġej:

1.1 Il-Kuntrattur għandu jiżgura li l-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi jiġi mħaddan fit-twettiq tal-Kuntratt, u għalhekk m'għandux jiddiskrimina fuq bażi ta' sess jew ta' responsabbiltajiet familjari.

1.2 Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi jitlob li m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess fil-kondizzjonijiet, inkluż il-kriterji ta' l-għażla, biex ikun aċċessat kull impjieg jew post vakanti, ikun xi jkun is-settur jew it-tip ta' attitività, u kull livell fil-ġerarkija okkupazzjonali. Għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' l-istess paga għall-istess xogħol jew xogħol ta' l-istess valur.

2. Għalhekk il-Kuntrattur għandu jmexxi x-xogħol, jagħti l-promozzjonijiet, iqassam il-biċċiet tax-xogħol, joffri opportunitajiet ta' taħriġ, u jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol fuq il-bażi tal-ħila ta' l-impjegat u mhux tas-sess, tal-familja jew xi status ieħor tiegħu jew tagħha.

3. Għalhekk fit-twettiq ta' l-obbligi tiegħu jew tagħha mniżżla f'1 u 2, il-Kuntrattur għandu jintrabat li jiżgura li jkun hemm tqassim indaqs tas-sessi fil-livelli okkupazzjonali differenti kollha. Jekk għal xi raġuni dan m'huwiex possibbli, u minħabba f'hekk it-tqassim ikun żbilanċjat favur wieħed mis-sessi, il-Kuntrattur ikun meħtieġ jibgħat spjegazzjoni xierqa biex jiġġustifika dawn l-iżbilanċi.

4. Il-kondizzjonijiet li jidhru hawn fuq japplikaw ukoll għall-fornitura ta' servizzi, provvisti u/jew kull attività ekonomika oħra.

Din il-klawsola m'hijiex mistennija li tidħol fis-seħħ qabel il-ħruġ tar-Regolamenti l-ġodda dwar il-Kuntratti Pubbliċi fl-2006. Madankollu l-NCPE inkludiet din il-klawsola fid-dokumenti kollha ta' l-offerti li hija ħarġet għal xogħol bl-appalt, u barra dan inkludiet l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala wieħed mill-kriterji prinċipali li fuqhom jiġu aġġudikati l-kuntratti.

## Il-Librerija

Il-librerija ta' l-NCPE ġiet riorganizzata grazzi għall-istaff li kellhom dan il-proġett imma kif ukoll grazzi għax-xogħol ta' l-istudenti li ħadmu ma' l-NCPE. Il-librerija issa qegħda kkataloġizzata (bis-sistema ta' Dewey) u hija ukoll *on-line.* Wieħed jista' jaċċessa *on-line* l-librerija billi japplika għand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jew għand kull uffiċċju distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-*e-id* u l-*password* ħalli jkun jista' jaċċessa *on-line* s-servizzi kollha offruti mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali. Fl-2004, 188–il entratura ġodda ġew inklużi fis-sistema tal-librerija. Issa l-librerija tikkonsisti f'5341 ktieb, ġurnali u artikli li jittrattaw litteratura varja relatata ma' kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

# Il-Kodiċi ta’ Prattika f’Każi ta’ Fastidju Sesswali

Fost l-ilmenti rċevuti mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta’ l-Ugwaljanza (NCPE), il-każijiet ta’ fastidju sesswali kienu l-aktar li ħadu ħin u kienu serji. Minħabba f’hekk, ġie deċiż li huwa meħtieġ aktar għarfien fuq is-suġġett kif ukoll titjib serju fl-għarfien tal-pubbliku b’mod ġenerali. Il-kodiċi fil-prattika tal-fastidju sesswali kien inkluż fl-aġenda.

Ix-xogħol għall-iżvilupp tal-kodiċi fil-Prattika tal-Fastidju Sesswali għal min iħaddem. Huwa kkunsidrat li dan il-kodiċi ħa jkun ippubblikat u mqassam lil kull min iħaddem kemm fil-qasam tal-privat u kif ukoll dak pubbliku. Dan il-kodiċi huwa maħsub li ser jgħin lil min iħaddem kif ukoll lill-ħaddiema biex jifhmu x’inhu l-fastidju sesswali u x’miżuri jistgħu jkunu żvillupati biex tippreveni u tellimina l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Dan il-kodiċi ser jgħin lin-nies biex ikunu aktar konxji ta’ x’tgħid il-liġi rigward il-fastidju sesswali. Huwa ukoll ser jinforma lill-pubbliku fuq il-proċeduri stabilizzati li għandhom jittieħdu fil-każijiet ta’ fastidju sesswali. Il-‘Fastidju Sesswali fuq il-post tax-xogħol: Kodiċi tal-Prattika għal min iħaddem’ mill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u Opportunitajiet Indaqs ta’ l-Awstralja ġie użat bħala d-dokument bażiku li minnu ħareġ dan id-dokument imsemmi hawn fuq.

Il-Kodiċi fil-Prattika tal-Fastidju Sesswali jiddefinixxi x’inhu l-fastidju sesswali billi jispjega b’mod ċar x’jikkonstitwixxi l-fastidju sesswali u x’ma jagħmilx; x’inhi mġieba sesswali mhux mixtieqa; kif ukoll ambjent tax-xogħol li huwa sesswalment ostili. Jispjega ukoll l-obligazzjonijiet legali ta’ min iħaddem u jinkludi gwida ta’ kif tikteb miżura tal-fastidju sesswali u miżuri għall-arranġament ta’ kif issolvi l-fastidju sesswali. Jiddeskrivi ukoll b’mod estensiv il-proċeduri ta’ l-ilmenti ta’ Min Jilmenta, l-Awtorità/Min Iħaddem u l-NCPE. Il-kodiċi jirreferi u jinkludi biċċiet mill-kapitolu 452, l-Att Dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali kif ukoll il-Kapitolu 456, l-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa.

## Kuntatti mal-Pubbliku bit-Telefon

Matul l-2004 il-Kummissjoni għamlet u/jew irċeviet madwar 15,154 telefonata. Ix-xahar li fih ġie rreġistrat l-akbar numru ta' telefonati kien Ottubru b'1,621 telefonata.

| Xhur | Telefonati |
|---|---|
| Jannar | 991 |
| Frar | 1020 |
| Marzu | 1398 |
| April | 1613 |
| Mejju | 1504 |
| Ġunju | 1016 |
| Lulju | 1194 |
| Awissu | 890 |
| Settembru | 1301 |
| Ottubru | 1621 |
| Novembru | 1596 |
| Diċembru | 1010 |
| **Total** | **15,154** |

Fig. 3

## Deskrizzjoni tal-Qagħda Finanzjarja

Fil-bidu tas-sena finanzjarja, il-gvern alloka lill-Kummissjoni baġit ta' Lm72,000. 72% (Lm51,840) tal-baġit kollu kien jirrigwarda s-salarji u l-onorarji ta' l-Istaff, 25% (Lm18,000) kien għall-manutenzjoni u l-ispejjeż ta' l-operat, filwaqt li t-3% (Lm2,160) kien jirrigwarda x-xiri tat-tagħmir. L-ispejjeż ta' l-operat huma analizzati f'aktar dettal fil-figuri ta' hawn taħt.




Fig. 5

Il-figura ta' hawn fuq turi biċ-ċar li aktar minn kwart (28%) ta' l-ispejjeż ta' l-operat kienu jirrigwardaw is-servizzi ta' informazzjoni. Din l-ispiża tirreferi prinċipalment għall-Konferenza ta' l-UE li kienet saret f'Malta. 27% kienu jirreferu għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' l-uffiċċji tal-Kummissjoni, filwaqt li l-45% li jibqa' kienu jirreferu għall-ivvjaġġar, u servizzi professjonali u ta' l-uffiċċju.

Matul it-tielet kwart tas-sena finanzjarja, il-Kummissjoni esperjenzat tnaqqis fil-baġit allokat lilha. Dan ġie mnaqqas b'4% (Lm3,000) u eventwalment ħalla effett fuq il-kontijiet finanzjarji tal-Kummissjoni.

Madanakollu, meta wieħed iqis ir-restrizzjonijiet finanzjarji li l-Kummissjoni esperjenzat, l-NCPE hija kburija ħafna bix-xogħol imwettaq minnha.

**Kapitlu 456 Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa (Att Nru.1 ta' l-2003)**
http://www.gov.mt/frame.asp?l=1&url=http://justice.gov.mt/